

Brussell, 4 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11796/18

GAF 35
FIN 627

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Settembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 553 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Id-29 Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea — Ġlieda kontra l-frodi - 2017

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 553 final.

Mehmuż: COM(2018) 553 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2018
COM(2018) 553 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Id-29 Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea
— Ġlieda kontra l-frodi - 2017**

{SWD(2018) 381 final} - {SWD(2018) 382 final} - {SWD(2018) 383 final} -
{SWD(2018) 384 final} - {SWD(2018) 385 final} - {SWD(2018) 386 final}

WERREJ

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Id-29 rapport annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi (2017)

<u>SOMMARJU EŻEKUTTIV</u>	5
<u>1. INTRODUZZJONI</u>	7
<u>2. L-ARMONIZZAZZJONI U T-TISĦIĦ TAL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI FL-UE: POLITIKI TRAŻVERSALI KONTRA L-FRODI, MIŻURI U RIŻULTATI</u>	7
<u>2.1. Xena legali ġdida: Atti leġislattivi adottati mill-istituzzjonijiet tal-UE</u>	7
2.1.1. <u>Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi, li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, permezz tal- liġi kriminali</u>	7
2.1.2. <u>Regolament li jimplementa l-kooperazzjoni msaħħa dwar it-twaqqif ta' UPPE</u>	8
<u>2.2. Infasslu l-ġejjieni: L-inizjattivi leġislattivi u ta' politika tal-istituzzjonijiet Ewropej</u>	9
2.2.1. <u>L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013</u>	9
2.2.2. <u>Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE</u>	10
2.2.3. <u>Proposta sabiex jiġi rivedut ir-Regolament Finanzjarju u ċerti regoli finanzjarji settorjali (Omnibus)</u>	10
2.2.4. <u>Il-koperazzjoni internazzjonali</u>	11
2.2.5. <u>L-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS)</u>	11
2.2.6. <u>Implimentazzjoni tal-Programm Hercule</u>	11
<u>2.3. Il-ġurisprudenza tal-OĠUE</u>	11
2.3.1. <u>Perijodi ta' limitazzjoni: il-kawżi Alytaus u Glencore</u>	12
2.3.2. <u>il-VAT: Il-kawża M.A.S.</u>	12
<u>2.4. Miżuri meħuda mill-Istati Membri</u>	12
2.4.1. <u>Sommarju</u>	12
2.4.1.1. <u>L-istrateġiji nazzjonali kontra l-frodi (NAFS - National anti-fraud strategies)</u>	13
2.4.1.2. <u>L-akkwist pubbliku u l-korruzzjoni</u>	13
2.4.1.3. <u>Miżuri oħrajn</u>	13
2.4.2. <u>L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2016</u>	13
<u>2.5. Sommarju ta' statistika dwar l-irregolaritajiet u l-frodi identifikati</u>	14
2.5.1. <u>Irregolaritajiet frodulenti identifikati</u>	15
2.5.2. <u>L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulenti</u>	16
2.5.3. <u>Investigazzjonijiet tal-OLAF</u>	17
<u>3. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI KONTRA L-FRODI — DĦUL</u>	19
<u>3.1. Miżuri kontra l-frodi tal-Istituzzjonijiet tal-UE – Dħul</u>	19
3.1.1. <u>Assistenza Amministrattiva Reċiproka</u>	19
3.1.1.1. <u>Implimentazzjoni tal-Artikolu 43b tar-Regolament (KE) Nru 515/97</u>	19
3.1.1.2. <u>Sistema tal-Infurmazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS)</u>	19
3.1.1.3. <u>Operazzjonijiet doganali konġunti (JCOs)</u>	20
3.1.2. <u>Għajjuna reċiproka u dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali</u>	21
3.1.3. <u>Il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk</u>	21
3.1.4. <u>Ġlieda kontra l-frodi tal-VAT</u>	21
<u>3.2. Miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi - dħul</u>	22

3.3.	<u>Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati - dħul</u>	22
3.3.1.	<u>Irregolaritajiet frodulent identifikati</u>	22
3.3.2.	<u>L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulent</u>	23
4.	<u>POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI SETTORJALI KONTRA L-FRODI — NEFQA</u>	23
4.1.	<u>Politiki u miżuri settorjali kontra l-frodi tal-Istati Membri li jinvolve diversi setturi ta' nefqa</u>	23
4.2.	<u>Agrikoltura — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi</u>	23
4.2.1.	<u>Agrikoltura — miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi</u>	23
4.2.2.	<u>Agrikoltura — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati</u>	23
4.2.2.1.	<u>Irregolaritajiet frodulent identifikati</u>	24
4.2.2.2.	<u>L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulent</u>	25
4.3.	<u>Politika ta' koeżjoni u s-Sajd — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi</u>	26
4.3.1.	<u>Politika ta' koeżjoni u s-Sajd — miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi</u>	26
4.3.2.	<u>Politika ta' koeżjoni u s-sajd — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati</u>	27
4.3.2.1.	<u>Irregolaritajiet frodulent identifikati</u>	27
4.3.2.2.	<u>L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulent</u>	28
4.4.	<u>Ġestjoni indiretta (qabel l-adeżjoni) — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi</u>	28
4.4.1.	<u>Ġestjoni indiretta (qabel l-adeżjoni) — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati</u>	28
4.5.	<u>Ġestjoni diretta — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi</u>	28
4.5.1.	<u>Ġestjoni diretta — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati</u>	28
4.5.1.1.	<u>Irregolaritajiet frodulent identifikati</u>	28
4.5.1.2.	<u>L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulent</u>	29
5.	<u>IRKUPRU U MIŻURI PREVENTIVI U KORRETTIVI OĦRA</u>	29
6.	<u>KOOPERAZZJONI MAL-ISTATI MEMBRI</u>	29
7.	<u>SISTEMA TA' IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U TA' ESKLUŻJONI</u>	29
8.	<u>SEGWITU GĦAR-RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW DWAR IR-RAPPORT ANNWALI TAL-2016</u>	30
9.	<u>KONKLUŻJONJIET U RAKKOMANDAZZJONIJET</u>	30
9.1.	<u>Dħul</u>	31
9.2.	<u>Nefqa</u>	31
9.3.	<u>Kooperazzjoni f'kull livell</u>	32
	<u>ANNEX 1 — IRREGOLARITAJIET IRRAPPURTATI BĦALA FRODULENTI FL-2017</u>	33
	<u>ANNEX 2 — IRREGOLARITAJIET MHUX IRRAPPURTATI BĦALA FRODULENTI FL-2017</u>	34
	<u>ANNEX 3 — LISTA TA' DOKUMENTI TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL AKKUMPAJANTI</u>	35

Tabella tal-illustrazzjonijiet

ILLUSTRAZZJONI 1:	PUNTI LEĠIŻLATTIVI LI JISPIKKAW – 2017	8
ILLUSTRAZZJONI 2:	IL-ĠURISPRUDENZA TAL-QĠUE DWAR KWISTIONIJET RELATATI MAL-PIF (2017)	12
ILLUSTRAZZJONI 3:	IRREGOLARITAJIET IRRAPPORATATI BĦALA FRODULENTI FL-2017	15
ILLUSTRAZZJONI 4:	L-IRREGOLARITAJIET IRRAPPORATATI BĦALA FRODULENTI U L-AMMONTI RELATATI, 2013-2017 ...	16
ILLUSTRAZZJONI 5:	IRREGOLARITAJIET LI MA ĠEWX IRRAPPORATATI BĦALA FRODULENTI FL-2017	17
ILLUSTRAZZJONI 6:	INVESTIGAZZJONIJET LI KIENU GĦADHOM GĦADDEJIN SA TMIEM L-2017, IMQASSMA SKOND IS- SETTUR	18
ILLUSTRAZZJONI 7:	POLITIKI EWLENIN FL-OQSMA TA' DĦUL	19
ILLUSTRAZZJONI 8:	OPERAZZJONIJET DOGANALI KONĠUNTI FL-2017	20
ILLUSTRAZZJONI 9:	MEKKANIŻMI PRINĊIPALI FL-IRREGOLARITAJIET IDENTIFIKATI U RRAPPORATATI FL-2017	22
ILLUSTRAZZJONI 10:	POLITIKA AGRIKOLA - FATTI U ILLUSTRAZZJONIJET EWLENIN	25
ILLUSTRAZZJONI 11:	MIŻURI TAS-SUQ L-AKTAR AFFETWATI MINN IRREGOLARITAJIET (FRODULENTI U MHUX FRODULENTI)	25
ILLUSTRAZZJONI 12:	POLITIKI TA' KOEŻJONI U TAS-SAJD - FATTI U ILLUSTRAZZJONIJET EWLENIN	26
ILLUSTRAZZJONI 13:	ENFAŻI FUQ PP 2007-2013	28
ILLUSTRAZZJONI 14:	L-ISTRUTTURA U S-SOTTOGRUPPI TA' COCOLAF	29

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ir-Rapport Annwali tal-2017 dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (ir-Rapport PIF) huwa ppreżentat mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri skont l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Żewġ kisbiet leġiżlattivi importanti

Fl-2017, ġew adottati żewġ atti leġiżlattivi importanti li se jsaħħu l-konverġenza lejn il-protezzjoni effettiva u tal-istess livell tal-baġit tal-UE, b'mod partikolari kontra l-frodi transfontiera:

- id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi, li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, permezz tal-liġi kriminali (l-Hekk imsejħa d-“Direttiva PIF”)
- ir-Regolament li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE” - European Public Prosecutor’s Office).

L-adozzjoni ta’ dawn iż-żewġ atti saret wara diversi snin ta’ negozjati u ttrifletti l-impenn tal-istituzzjonijiet Ewropej u tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi, li hija ta’ detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Inizjattivi leġiżlattivi u ta’ politika

Dawn l-atti se jeħtieġu l-adozzjoni tal-istruttura attwali ta’ kontra l-frodi sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva bejn il-korpi kompetenti u l-awtoritajiet.

Dan ix-xogħol se jkompli għall-ftit snin li ġejjin, b'mod partikolari fir-rigward tal-preparazzjoni tal-qafas legali li jirregola l-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.

L-ewwel pass kien l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 (il-mandat u s-setgħat tal-OLAF) li enfażizza r-riżultati li ntlaħqu iżda wkoll in-nuqqasijiet fid-dawl tat-twaqqif tal-UPPE.

Fl-2017, il-Kummissjoni wkoll:

- komplet bl-eżerċizzju regolari tal-ivvalutar tal-iżviluppi u tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li hija indirizzat lill-Istati Membri fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-qafas tal-proċess tas-Semestru Ewropew;
- għamlet disponibbli baġit ta’ EUR 14,95 miljun permezz tal-programm Hercule III sabiex issaħħa il-kapaċità operazzjonali u amministrattiva tal-Istati Membri;

- innegożjat b’suċċess dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali tal-UE; kif ukoll
- nediet evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi bil-għan li tiġi aġġornata.

Il-ġurisprudenza tal-QĠUE

Fl-2017, tliet sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) żdiedu mal-ġurisprudenza li ttrigwarda l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Tnejn minhom (il-kawżi *Alytaus* u *Glencore*) ttrattaw kwistjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-perijodu ta’ limitazzjoni, filwaqt li t-tielet kawża (*M.A.S. u M.B.*) kienet relatata mal-VAT, fejn b’mud partikolari ġew iċċarati xi aspetti tas-sentenza ta’ *Taricco*.

Enfasi fuq l-oqsma ta’ dħul

Il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva biex tagħmel is-sistema tal-Vat tal-UE aktar sempliċi, aktar reżistenti għall-frodi u biex jingħalqu l-lakuni fil-kummerċ transfrontier billi jissaħħu l-istrumenti ta’ kooperazzjoni amministrattivi bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi.

Ftehimiet ta’ assistenza reċiproka ġew konklużi ma’ Mercosur u l-Ażerbajġan. Il-klawżola kontra l-frodi ġiet inkorporata b’suċċess fil-ftehim ta’ kummerċ ħieles mal-Ġappun.

L-OLAF ikkoordina jew appoġġa 11-il operazzjoni doganali li b’suċċess iffukaw fuq diversi theddidiet, bħall-kutrabandu tas-sigaretti, il-frodi fuq l-introjt, il-prodotti ffalsifikati, iċ-ċaqliq illeċitu ta’ flus u d-droga.

F’termini finanzjarji, il-pannelli solari impurtati kienu l-prodotti l-aktar affettwati minn frodi u irregolaritajiet. F’haġna każijiet, l-irregolaritajiet li jtrigwardaw il-pannelli solari kienu identifikati wara notifika ta’ Għajnuna Reċiproka maħruġa mill-OLAF.

Proċedura ta’ ksur tnediet rigward is-sottovalutazzjoni li taffettwa d-dħul tradizzjonali u mir-riżorsi proprji tal-VAT li ġie individwat fir-Renju Unit.

Enfasi fuq l-oqsma tan-nefqa

Ir-Regolament Omnibus jippromwovi is-simplifikazzjoni u l-kjarifikazzjoni tar-regoli finanzjarji. Fl-2017, id-dispożizzjonijiet marbutin mal-agrikoltura ġew adottati, filwaqt l-abbozz tal-bidliet għall-oqsma tan-nefqa li jifdal jinħtieġ li jiġu adottati fl-2018.

Il-Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni tal-Prevenzjoni ta' Frodi (COCOLAF) ipprepara gwida dwar senjalazzjonijiet ta' allarm u tal-aħjar Prattiki fl-akkwist pubbliku u fir-rappurtar tal-irregolaritajiet.

L-analiżi ta' irregolaritajiet frodulent u mhux frodulent li ġew individwati u rrappurtati mill-awtoritajiet nazzjonali ikkonfermat is-sejbiet tal-2016 fir-rigward tas-setturi ewlenin f'riskju.

Tefgħet enfasi wkoll fuq il-metodi ta' detezzjoni li għenu fl-identifikazzjoni u biex jitpoġġew fil-mira każijiet frodulent u mhux frodulent ta' valur finanzjarju sinifikanti. Dawn jinvolve l-analiżi tar-riskju, tips minn informanti, żvelar ta' informazzjoni protetta u informazzjoni mill-midja.

L-istess analiżi turi wkoll ir-riżultati pożittivi milħuqa permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi.

Abbażi ta' dawn is-sejbiet, rakkomandazzjonijiet speċifiċi jiġu indirizzati lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jistrutturaw u jagħmlu użu sistematiku minn informazzjoni li tidħol mis-sorsi ta' hawn fuq.

Miżuri kontra l-frodi tal-Istati Membri

L-Istati Membri rrappurtaw l-adozzjoni ta' 73 miżura ewlenija sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u l-ġlieda kontra l-frodi tal-UE. Dawn ikopru ċ-ċiklu ta' kontra l-frodi kollu, iżda jiffukaw b'mod partikolari fuq id-detezzjoni u l-prevenzjoni. Għandhom x'jaqsmu prinċipalment mal-kontroll tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri rrappurtaw dwar l-għadd u n-natura ta' miżuri meħuda sabiex isir segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-2016; dan jista' jitqies pożittiv, iżda għad hemm lok għal titjib.

Id-detezzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet frodulent u mhux frodulent li jaffettwaw il-baġit tal-UE

Fl-2017 ġew irrapportati 15 213 irregolarità frodulent u mhux frodulent lill-Kummissjoni, 20,8 % inqas mill-2016. Dawn involvew madwar EUR 2,58 biljun, 8,6 % inqas mis-sena preċedenti.

L-1 146 irregolarità rrappurtata bħala frodulent kienu jinvolve madwar EUR 467 million ta' nefqa u dħul.

Id-detezzjoni ta' irregolarità timplika li ttieħdu miżuri korrettivi sabiex jiġu rkuprati l-ammonti finanzjarji irregolari involuti u li nbdew proċedimenti kriminali jekk kien hemm suspett ta' frodi.

L-Anness 1 juri għadd ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulent li ġew identifikati minn Stat Membru. Dan l-għadd juri r-riżultat ta' ħidmet l-Istati Membri biex jikkumbattu l-frodi u l-attivitajiet illegali l-oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Iċ-ċifri ma għandhomx ikunu interpretati li jindikaw il-livell ta' frodi fit-territorji tal-Istati Membri.

1. INTRODUZZJONI

Kull sena, skont l-Artikolu 325(5) TFUE, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-miżuri meħuda biex jikkumbattu l-frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE.

L-UE u l-Istati Membri jaqsmu r-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u għall-ġlieda kontra l-frodi. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġġestixxu madwar 74 % tan-nefqa tal-UE u jiġbru r-riżorsi proprji tradizzjonali (TOR). Il-Kummissjoni tissorvelja dawn iż-żewġ oqsma, tistabbilixxi l-istandards u tivverifika l-konformità. Biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE b'mod effettiv, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jaħdmu mill-qrib flimkien.

Dan ir-rapport jivvaluta din il-kooperazzjoni bl-għan li jtejjibha; għal dan l-iskop, huwa:

- jipprovdi sommarju tal-miżuri meħuda fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri sabiex tikkumbatti l-frodi;
- jinkludi analiżi tal-kisbiet ewlenin tal-korpi nazzjonali u Ewropej fid-dettezzjoni u fir-rapportar ta' frodi u ta' irregolaritajiet li jirrigwardaw in-nefqa u d-dħul tal-UE. Dan huwa b'mod partikolari bbażat fuq id-dettezzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi rrapportati mill-Istati Membri f'konformità mar-regolamenti settorjali.

Ir-rapport huwa akkumpanjat minn sitt Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD - Commission Staff Working Documents), elenkati fl-Anness 3¹.

2. L-ARMONIZZAZZJONI U T-TISĦIĦ TAL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI FL-UE: POLITIKI TRAŻVERSALI KONTRA L-FRODI, MIŻURI U RIŻULTATI

2.1. Xena legali ġdida: Atti leġiżlattivi adottati mill-istituzzjonijiet tal-UE

F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni enfasizzat id-differenzi fl-approċi tal-awtoritajiet nazzjonali fil-ġlieda tagħhom kontra l-frodi u l-irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi tal-UE. Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) urew l-okkorrenzi li dejjem qed jiżdiedu ta' każijiet ta' frodi transnazzjonali.

Żewġ atti leġiżlattivi importanti ġew adottati fl-2017 li se jiżguraw konverġenza lejn il-protezzjoni effettiva u tal-istess livell tal-baġit tal-UE, b'mod partikolari kontra l-frodi transfontiera:

1. id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi, li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE, permezz tal-liġi kriminali (id-Direttiva PIF)²; kif ukoll
2. ir-Regolament li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE)³.

L-adozzjoni ta' dawn iż-żewġ atti saret wara diversi snin ta' negozjati u tirrifletti l-impenn tal-istituzzjonijiet Ewropej u tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi, li hija ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2.1.1. Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi, li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, permezz tal-liġi kriminali

Id-Direttiva tissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-protokoll tagħha (il-Konvenzjoni PIF)⁴ għas-26 Stat Membru marbutin biha. Il-Konvenzjoni PIF tibqa' tapplika għad-Danimarka u għar-Renju Unit.

¹ (i) Implimentazzjoni tal-Artikolu 325 mill-Istati Membri fl-2017;

(ii) Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrappurtati għall-oqsma tar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni u l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u n-nefqa diretta;

(iii) Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet għar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE — il-ġlieda kontra l-frodi, 2016;

(iv) Sistema ta' Detezzjoni Bikrija u Esklużjoni (EDES - Early Detection and Exclusion System) — Bord imsemmi fl-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju;

(v) Ħarsa ġenerali annwali b'informazzjoni dwar ir-Riżultati tal-Programm Hercule III fl-2017; kif ukoll

(vi) Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 43b tar-Regolament (KE) Nru 515/97.

² Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29-41.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

⁴ L-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju (ĠU C 316, 27.11.1995, p. 48).



Id-Direttiva PIF:

- tarmonizza d-definizzjonijiet, is-sanzjonijiet u l-limiti ta' żmien applikabbli għar-reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inklużi l-frodi, il-korruzzjoni, ħasil il-flus u l-miżapproprjazzjoni;
- tirtirrigwarda każijiet ta' frodi tal-VAT transfruntiera li jirriżultaw f'danni totali ta' mill-inqas EUR 10 miljun;
- tiffissa perjodu ta' sentejn għat-traspożizzjoni (sas-6 ta' Lulju 2019).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)


- stabbilit permezz ta' kooperazzjoni msaħħa (fil-bidu kienu 20 Stat Membru);
- it-twaqqif tiegħu kien waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni fil-qasam tal-ġustizzja kriminali u parti mill-istrateġija kumplessiva sabiex tiġi miġġielda l-frodi kontra l-baġit tal-UE;
- responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq quddiem il-ġustizzja ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi tal-Unjoni, kif previst mid-“Direttiva PIF”;
- mistenni jgħib politika ta' prosekuzzjoni aktar konsistenti u effettiva għar-reati li jaffettwaw il-baġit tal-UE: għadd oġġla ta' prosekuzzjonijiet, kundanni u livell akbar ta' rkupru.

2.1.2. Regolament li jimplementa l-kooperazzjoni msaħħa dwar it-twaqqif ta' UPPE

Stati Membri Parteċipanti:



Stati Membri oħra jistgħu jingħaqdu fil-futur.⁵



⁵ http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-1550_en.htm In-Netherlands (fl-14 ta' Mejju 2018) u Malta (fl-14 ta' Ġunju 2018) formalment innotifikaw lill-Kummissjoni bl-

intenzjoni tagħhom li jingħaqdu mal-UPPE u, f'konformità mal-Artikolu 331 TFUE, il-Kummissjoni attwalment qed tipprepara d-Deċiżjonijiet li jikkonfermaw il-parteċipazzjoni ta' dawn l-Istati Membri.

2.2. Infasslu l-ġejjieni: L-inizjattivi legiżlatti u ta' politika tal-istituzzjonijiet Ewropej

L-atti l-ġodda jirrikjedu l-adattament tal-istruttura attwali ta' kontra l-frodi għall-aħħar żviluppi sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni meħtieġa bejn il-korpi kompetenti u l-awtoritajiet. Dan ix-xogħol se jkompli għall-ftit snin li ġejjin, b'mod partikolari fir-rigward tal-preparazzjoni tal-qafas legali li jirregola l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027.

It-taqsimha li jmiss tagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ewlenin li jikkonċernaw l-inizjattivi legiżlatti u ta' politika tal-Kummissjoni fl-2017.

2.2.1. L-*evalwazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013⁶ huwa l-qofol ta' dan il-qafas legali li jirregola l-mandat tal-OLAF biex iwettaq investigazzjonijiet amministrattivi dwar il-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE.

Fit-2 ta' Ottubru 2017, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-*evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu*⁷.

L-*evalwazzjoni* ikkonkludiet li r-Regolament ippermetta lill-OLAF biex fil-mandat tiegħu jġib riżultati konkreti, u għab riżultati ċari fit-tweġiq tal-investigazzjonijiet, fil-kooperazzjoni ma' sħab u fi drittijiet għall-persuni kkonċernati. Fl-istess waqt, tenfasizza xi nuqqasijiet li jimpattaw fuq l-*effikaċja* u l-*effiċjenza* tal-investigazzjonijiet tal-OLAF. Dawn marbutin fost l-oħrajn ma':

- l-għodda investigattiva tal-OLAF;
- l-eżekuzzjoni tas-setgħat tal-OLAF;
- kundizzjonijiet uniformi fit-tweġiq tal-investigazzjonijiet interni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-UE;
- diverġenzi fis-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF;
- id-dmirijiet ta' kooperazzjoni mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni;
- il-koerenza globali tal-qafas legali applikabbli għall-investigazzjonijiet tal-OLAF;
- il-possibilità li informazzjoni dwar kontijiet tal-bank tkun aċċessibbli; kif ukoll
- iċ-ċarezza dwar il-mandat tal-OLAF fil-qasam tal-VAT.

L-*evalwazzjoni*, rigward it-twaqqif tal-UPPE (ara t-taqsimha 2.1) u l-impatt tiegħu fuq ħidmet l-OLAF, tirrikonoxxi biċ-ċar il-ħtieġa biex tkompli tiġi rregolata r-relazzjoni bejn iż-żewġ korpi, u ssejjaħ biex isiru adattamenti rapidi għall-operazzjonijiet tal-OLAF sabiex jiġi żgurat li l-qafas legali jkun adattat għall-iskop tiegħu.

Il-Kummissjoni adottat fit-23 ta' Mejju 2018 proposta mmirata biex temenda r-Regolament, xprunata primarjament bit-twaqqif tal-UPPE, filwaqt li indirizzat ukoll ir-riżultati xejn ambigwi tal-*evalwazzjoni* sabiex tiżgura li l-OLAF jibqa' sieħeb b'saħħtu u li jiffunzjona b'mod sħiħ mal-UPPE.

Ir-Regolament tal-UPPE diġà jħaddan dispożizzjonijiet biex jirregola r-relazzjoni bejn l-UPPE u l-OLAF. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipji ta' kooperazzjoni mill-qrib, l-iskambju ta' informazzjoni, il-kumplimentarjetà u l-evitar tad-duplikazzjoni. Ir-regoli jenħtieġ li jiġu riflessi u kkumplimentati mill-emendi fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, bl-objettiv prinċipali jkun li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-baġit tal-Unjoni permezz ta' politika integrata, li OLAF b'saħħtu u li jiffunzjona b'mod sħiħ jwettaq permezz tagħha investigazzjonijiet amministrattivi biex jikkumplimentaw l-approċċ tal-UPPE fil-liġi kriminali.

L-enfasi qiegħda fuq l-oqsma li fihom attwalment ir-Regolament jqajjem diverġenzi sinifikanti fil-mod ta' kif l-OLAF jopera fl-Istati Membri, bħalma huma l-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post, l-aċċess għall-informazzjoni tal-kontijiet tal-bank u l-assistenza mill-awtoritajiet nazzjonali.

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

⁷ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-*Evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013* (COM(2017) 589);

<http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=COM:2017:589:FIN>

u l-SWD(2017) 332 li jakkumpanjah;

<http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=SWD:2017:332:FIN&from=EN>.

Ir-rapport kien appoġġat minn studju indipendenti (*Evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar l-investigazzjonijiet mwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi*) u kien ibbażat fuq konsultazzjoni wiesgħa ma' partijiet ikkonċernati, inkluża konferenza li kienet tinvolvi 250 parteċipant min firxa wiesgħa ta' gruppi ta' partijiet ikkonċernati. Kien hemm ukoll miegħu l-Opinjoni 2/2017 tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF;

http://europa.eu/supervisory-committee-olaf/sites/default/files/opinion_2_2017.pdf.

2.2.2. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE

Fl-2017, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni kienet prijorità fil-proċess ta' governanza ekonomika tas-Semestru Ewropew. Bosta Rappurtar mill-Pajjiżi⁸ inkluda valutazzjoni tax-xena legali, istituzzjonali u ta' politika għal kontra l-korruzzjoni, inkluż il-progress u l-isfidi li jkun għad fadal.

Diversi Stati Membri rċevew ukoll rakkomandazzjonijiet⁹ biex jieħdu azzjoni sabiex itejbu t-trasparenza, jsaħħu l-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess, jiġġieldu l-pagamenti informali fil-kura tas-saħħa jew iżidu l-isforzi kontra l-korruzzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, fil-ġudikatura u fl-akkwist pubbliku.

Fil-qafas tal-programm ta' kondiviżjoni tal-esperjenza fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni tal-UE, il-Kummissjoni organizzat tliet workshops għall-qsim tal-esperjenzi fl-2017, filwaqt li laqgħet 100 Prattikant u espert ta' kontra l-korruzzjoni mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, mis-soċjetà ċivili, mid-dinja akkademika kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra. Dawn il-workshops iffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dawn l-oqsma tematiċi: fl-indikaturi ta' kontra l-korruzzjoni (Brussell, Marzu 2017), il-kunflitti ta' interess u l-prattika tal-"bibien li jduru" (Barċellona, Ġunju 2017), kif ukoll l-impatt ekonomiku tal-korruzzjoni (Brussell, Diċembru 2017).

Sejħa għal proposti¹⁰ għal proġetti mfasslin biex jipprevjenu u jikkumbattu l-korruzzjoni fl-Istati Membri tnediet f'Diċembru 2017, li kienet tiswa b'kollox EUR 2,2 miljun.

Il-Kummissjoni u l-OLAF ipparteċipaw b'mod attiv f'diversi fora ta' kontra l-korruzzjoni Ewropej u internazzjonali, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, il-Grupp ta' Ħidma kontra l-korruzzjoni tal-G20 u s-Sħab Ewropej Kontra l-Korruzzjoni (EPAC) / in-Netzwerk Ewropew tal-Punti ta' Kuntatt kontra l-Korruzzjoni (EACN). L-EACN adotta d-Dikjarazzjoni ta' Lisbona f'Novembru 2017¹¹ filwaq li talab lil dawh li jieħdu d-deċiżjonijiet biex iqawwu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

⁸ https://ec.europa.eu/info/publications/2017-european-semester-country-reports_en

⁹ https://ec.europa.eu/info/publications/2017-european-semester-country-specific-recommendations-commission-recommendations_en

¹⁰ ISFP-2017-AG-CORRUPT.

¹¹ http://www.epac-eacn.org/downloads/declarations/doc_view/167-lisbon-declaration-2017

2.2.3. Proposta sabiex jiġi rivedut ir-Regolament Finanzjarju u ċerti regoli finanzjarji settorjali (Omnibus)

Fl-2017, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeliberaw fuq il-proposta tal-Kummissjoni ta' Settembru 2016¹² dwar reviżjoni komprensiva u ambizjuża tar-Regolament Finanzjarju¹³ u bidliet korrispondenti fir-regoli finanzjarji settorjali għal diversi programmi pluriennali.

Il-proposta hija mmirata biex ir-regoli finanzjarji tal-Unjoni jiġu modernizzati u simplifikati kif ukoll biex jissaħħu s-sistemi fis-seħħ biex il-baġit tal-UE jiġi protett mill-frodi u mill-irregolaritajiet finanzjarji. Fost l-oħrajn issaħħaħ ir-regoli dwar l-evitar tat-taxxa għas-sħab fl-implimentazzjoni tal-UE, u tiċċara li d-dmir li l-kunflitti ta' interess jiġu evitati japplika għal kull xorta ta' implimentazzjoni tal-fondi tal-UE (inkluż fil-livell tal-Istati Membri). Is-simplifikazzjoni minnha nfisha jenħteġ li tnaqqas l-għadd ta' żbalji, iżda fil-prattika żżid ukoll l-impatt tal-politiki u tar-riżultati tagħhom.

Fin-negozjati leġiżlattivi, fuq talba tal-Parlament, ir-raġunijiet għall-esklużjoni ta' benefiċjarji inaffidabbli ta' finanzjament mill-UE komplew jissaħħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-"kumpaniji tal-isem". Xi wħud mill-bidliet proposti, relatati ma' politiki agrikoli, daħlu fis-seħħ separatament bir-Regolament (UE) 2017/2393,¹⁴ filwaqt li huwa mistenni li r-Regolament

¹² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2012/2002, ir-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1308/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2016) 605).

¹³ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, (ĠU L 298, 26.10.2012, p.1), li ġie emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 2015, (ĠU L 286, 30.10.2015, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti (ĠU L 350, 29.12.2017, p. 15).

Finanzjarju l-ġdid u l-emendi fir-regoli settorjali li jifdal se jiġu adottati fit-tielet semestru tal-2018.

2.2.4. Il-koperazzjoni internazzjonali

Il-Kummissjoni, sabiex tiġġieled b'mod effettiv il-frodi li taffettwa l-baġit tal-UE lil hinn mill-fruntieri tagħha, kompliet iddaħħal dispożizzjonijiet kontra l-frodi fil-ftehimiet ma' pajjiżi mhux tal-UE u f'mudelli ta' ftehimiet ta' delega u dwar għotjiet ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

Fl-2017, l-OLAF organizza żewġ attivitajiet biex jappoġġa pajjiżi mhux tal-UE:

- is-seminar annwali tiegħu (li seħħ f'Montenegro), għal awtoritajiet sħab f'pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, dwar l-aħjar prattiki fid-detezzjoni u r-rappurtar ta' frodi; kif ukoll
- workshop kontra l-frodi bil-parteċipazzjoni tas-servizzi kollha relevanti kontra l-frodi u l-korruzzjoni fil-Georgia, biex jgħinjom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet kontra l-frodi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia.

L-OLAF iffirma wkoll arranġamenti amministrattivi ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet sħab fit-Tuniżija u fil-Kosovo.¹⁵

2.2.5. L-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS)

Il-Kummissjoni qed tikkunsidra li taġġorna s-CAFS li ġiet adottata fl-24 ta' Ġunju 2011,¹⁶ li l-oġġettiv tagħha huwa li ttejjeb il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-frodi u tiżgura li s-sanzjonar, l-irkupru u d-deterrent adegwati huma prijorità fuq l-aġenda tal-Kummissjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet tas-CAFS issa ġew finalizzati jew għadhom għaddejnin. Id-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni introduċew Strateġiji Kontra l-Frodi settorjali (AFS-Anti-Fraud Strategies) għall-oqsma ta' politika rispettivi tagħhom.

Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tal-implimentazzjoni kumplessiva tas-CAFS. L-evalwazzjoni tkejjel il-progress li ntlaħaq sa mill-adozzjoni tas-CAFS fl-2011 apparagun tal-oġġettivi ddikjarati, filwaqt li tqis l-iżviluppi f'termini ta' politiki tal-UE fil-qasam ta' kontra l-frodi, ir-riskji

¹⁵ Mal-Ispettorat tal-Finanzi Ġenerali tat-Tuneżija u mal-pulizija tal-Kosovo* rispettivament.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 (1999) u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

¹⁶ COM(2011) 376 final.

ta' frodi korrispondenti u l-istrutturi emerġenti ta' frodi. Ir-riżultati għandhom iservu bħala l-bażi għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar liema s-CAFS jenħtieġ li tiġi aġġornata. L-evalwazzjoni se tkopri l-perjodu minn mindu ġiet adottata s-CAFS u se tevalwa r-relevanza, l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza tagħha.

2.2.6. Implimentazzjoni tal-Programm Hercule

Il-programm Hercule III 2014-2020¹⁷ jippromwovi attivitajiet għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. Fl-2017, ir-raba' sena tal-implimentazzjoni tiegħu, baġit ta' EUR 14,95 miljun sar disponibbli¹⁸ għal:

- finanzjament ta' azzjonijiet sabiex tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali u teknika tal-forzi tad-dwana u l-pulizija fl-Istati Membri, kif ukoll appoġġ tal-IT, (75 % tal-baġit tal-programm); kif ukoll
- attivitajiet ta' taħriġ u konferenzi, inkluż it-taħriġ tal-forensika diġitali għall-persunal impjegat mill-aġenziji għall-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri u pajjiżi sħab, (25 % tal-baġit).

Il-benefiċjarji ta' għotjiet minn Hercule III iddikjaraw suċċess sostanzjali li ntlaħaq bl-għajnuna ta' tagħmir u taħriġ ifffinanzjat permezz tal-programm,¹⁹ bħal:

- is-sekwestru ta' sigaretti u tabakk kontrafatti u bil-kutrabandu;
- Id-detezzjoni ta' skemi ta' frodi ġodda u ta' netwerks ta' organizzazzjonijiet kriminali; kif ukoll
- operazzjonijiet u investigazzjonijiet ta' irregolaritajiet u ta' korruzzjoni mwettqa kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2.3. Il-ġurisprudenza tal-QĠUE

Fl-2017, tliet sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) żdiedu mal-ġurisprudenza dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Tnejn (il-kawżi *Alytaus*²⁰ u *Glencore*)²¹ ttrattaw

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Ercole III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 6).


¹⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1120 final tat-22 ta' Frar 2017.

¹⁹ Għal dettalji ara l-SWD msemmija fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (v).

²⁰ Il-kawża C-436/15, Talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mill-*Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas* (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja), permezz tad-deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2015, li waslet il-Qorti fl-10 ta' Awwissu 2015, fil-proċedimenti ta' *Lietuvos*

kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-perijodu ta' limitazzjoni, filwaqt li t-tielet kawża (M.A.S. u M.B.)²² kienet relatata mal-VAT, fejn b'mod partikolari ġew iċċarati xi aspetti tas-sentenza ta' *Taricco*.

Illustrazzjoni 2: Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar kwistjonijiet relatati mal-PIF (2017)



2.3.1. Perijodi ta' limitazzjoni: il-kawżi Alytaus u Glencore

F'*Alytaus*, il-Qorti iċċarat it-tifsira tal-perjodu ta' limitazzjoni²³ għal irregolarità li twettqet fil-kuntast ta' programm pluriennali u fil-każ ta' irregolarità "kontinwa jew ripetuta". Iċċarat ukoll meta programm pluriennali jista' jitqies bħala "mitmum definittivament".

Fi *Glencore*, il-Qorti pprovdiet aktar kjarifiki fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet msemija fl-Artikolu 3(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 b'referenza għall-irkupru ta' pretensjonijiet.

Respublikos aplinkos ministerijos Aplinkos projektų valdymo agentūra vs "Alytaus regiono atliekų tvarkymo centras" UAB, sentenza tal-Qorti (it-Tielet Awla), il-15 ta' Ġunju 2017;

<http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=191811&pageIndex=0&doclang=EN&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=120020>

²¹ Il-kawża C-584/15 *Glencore Céréales France vs Établissement national des produits de l'agriculture et de la mer (FranceAgriMer)*, sentenza tal-Qorti (ir-Raba' Awla), it-2 ta' Marzu 2017;

<http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?jsessionid=9ea7d0f130de433267059163433db6acf2f7ed8ab2e8.e34KaxiLc3eQc40LaxqMbN4Pb38Me0?text=&docid=188526&pageIndex=0&doclang=EN&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=119378>

²² Il-kawża C-42/17, Talba għal deċizzjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mill-*Corte costituzionale* (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja), permezz tad-deċizzjoni tat-23 ta' Novembru 2016, li waslet il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2017, fil-proċedimenti kriminali kontra M.A.S., M.B., sentenza tal-Qorti (l-Awla Manja), il-5 ta' Diċembru 2017;

<http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?jsessionid=9ea7d0f130de433267059163433db6acf2f7ed89881b.e34KaxiLc3eQc40LaxqMbN4Pb38Me0?text=&docid=197423&pageIndex=0&doclang=EN&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=122561>

²³ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95.

2.3.2. il-VAT: Il-kawża M.A.S.

Bħala riżultat tas-sentenza ta' *M.A.S.*, biex l-Istati Membri ma jonqsux mill-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 325(1) u (2) TFUE, iridu jiżguraw li pieni kriminali effettivi u ta' deterrent jiġu adottati f'każijiet ta' frodi serji li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE fir-rigward tal-VAT.²⁴

2.4. Miżuri meħuda mill-Istati Membri

2.4.1. Sommarju

Dan is-sommarju jagħti ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-prijoritajiet li jirrigwardaw il-miżuri kontra l-frodi tal-Istati Membri, iżda ma huwiex eżawrjenti; L-Istati Membri intalbu biex isemmu tliet miżuri kontra l-frodi l-aktar, iżda xi wħud seta' kellhom aktar²⁵.

Fl-2017, l-Istati Membri rrapportaw dwar 73 miżura²⁶ sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-UE u tiġi miġġielda l-frodi. Il-miżuri koprew iċ-ċiklu kollu kemm hu ta' kontra l-frodi, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża, iżda wkoll ir-reati finanzjarji, id-dwana u l-kummerċ illeċitu, l-akkwist pubbliku, il-kunflitt ta' interess, strateġiji kontra l-korruzzjoni u l-frodi, il-kriminalità organizzata, is-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi (AFCOSs - anti-fraud coordination services), id-definizzjoni ta' frodi u l-informaturi. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri kkonċernaw id-detezzjoni, segwita mill-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, l-irkupru u s-sanzjonijiet.

Il-maġġoranza (77 %) kienu settorjali aktar milli trażversali (23 %). Mill-miżuri settorjali, 15 ikkonċernaw id-dħul fl-oqsma tal-frodi tat-taxxa u tad-dwana. Wieħed u erbgħin miżura oħra kkonċernaw in-nefqa, u koprew l-oqsma kollha tal-baġit. Il-miżuri settorjali se jiġu indirizzati fil-paragrafi speċifiċi ddedikati għal oqsma differenti tal-baġit filwaqt li din it-taqsimha tittratta l-miżuri trażversali.

²⁴ Il-kawża C-42/17 *M.A.S.*, il-paragrafu 35, li tirreferi għas-sentenza ta' *Taricco* (il-Kawża C-105/14);

<http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=167061&pageIndex=0&doclang=en&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=124335>

²⁵ Il-miżuri rrapportati huma analizzati fid-dettall fl-SWD imsemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (j).

²⁶ Xi wħud minn dawn kienu parti minn pakkett li jinkludi pereżempju miżuri leġiżlattivi, amministrattivi, operattivi jew organizzattivi, adottati flimkien biex fl-istruttura istituzzjonali ta' pajjiż jiġu applikati fl-livelli differenti. Dan it-totall ta' miżuri rrapportati għal 111.

2.4.1.1. L-istrateġiji nazzjonali kontra l-frodi (NAFS - National anti-fraud strategies)

Sat-tmiem tal-2017, għaxar Stati Membri²⁷ adottaw strateġija nazzjonali kontra l-frodi u bagħtuha lill-Kummissjoni. Dan juri l-fehim tagħhom dwar l-importanza ta' approċċ strateġiku biex jiġu miġġielda l-frodi u l-irregolaritajiet. Il-Kummissjoni tilqa' dawn l-iżviluppi u tistieden lill-Istati Membri l-oħra biex jabbozzaw dawn l-istrateġiji.

2.4.1.2. L-akkwist pubbliku u l-korruzzjoni

Ħafna mill-miżuri ta' akkwist pubbliku adottati mill-Istati Membri fl-2017 huma mmirati biex jiġġieldu l-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess, kif ukoll biex tizzied it-trasparenza. Sitt Stati Membri²⁸ rrapportaw li ħadu dawn il-miżuri.

2.4.1.3. Miżuri oħrajn

Miżuri trasversali oħra rrapportati jikkonċernaw prinċipalment il-kriminalità finanzjarja u organizzata (ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja u l-Litwanja), ir-rieżami tal-organizzazzjoni u tal-kompetenzi ta' korpi speċifiċi (il-Greċja u l-Isvezja) jew it-titjib fil-koooperazzjoni ta' bejn l-aġenziji.

Tliet Stati Membri rrapportaw miżuri sabiex jindirizzaw id-dħul u n-nefqa ta' ċerti setturi²⁹:

- Il-Latvja nediet kampanja nazzjonali kontra l-frodi (#FraudOff!) sabiex tissensibilizza l-pubbliku dwar il-frodi, ikkumplimentata minn taħriġ speċifiku għall-amministrazzjonijiet kkonċernati;
- L-Italja ħadet passi biex tgħaqqad inizjattivi amministrattivi u penali biex tibni mill-ġdid il-flussi finanzjarji illeċiti u taħtaf l-assi ta' organizzazzjonijiet kriminali; kif ukoll
- Is-Slovenja ħadet passi biex issaħħaħ ir-rata ta' detezzjoni u ta' għeluq ta' każijiet ta' atti kriminali li qed jikkawżaw ħsara lill-baġit tal-UE.

2.4.2. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2016


Fir-rapport tal-PIF tal-2016, il-Kummissjoni għamlet erba' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri; waħda kellha fil-mira d-dħul u tlieta n-nefqa.

Kollox ma' kollox, is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet (ara d-dijagrammi ta' hawn


taħt) urew li saru jew qed isiru sforzi sinifikanti u kostruttivi mill-Istati Membri³⁰. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet ingħataw l-attenzjoni kif xieraq mill-maġġoranza tal-Istati Membri³¹.

Il-Kummissjoni rakkomandat li l-Istati Membri biex:

(1) jirrieżaminaw l-istrateġija tagħhom ta' ġestjoni u kontroll fir-rigward tal-valutazzjoni doganali



(2) jittrasponu b'mod sħiħ id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku riveduti



²⁷ il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, Malta u s-Slovakkja. Ir-Rumanija kellha NAFS fl-imgħoddi, iżda llum għadda żmienha.


²⁸ Ir-Repubblika Ċeka, Spanja, Malta, l-Estonja, Ċipru, u r-Rumanija.

²⁹ Għalkemm l-Istati Membri ma jiddefinixxux b'mod espliċitu dawn il-miżuri bħala trasversali, huwa f'din it-taqsimha li l-aħjar li jissimew.

³⁰ Ir-Renju Unit ma pprova l-ebda informazzjoni rigward is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet.


³¹ Analiżi ddettaljata tar-risposti tinsab fl-SWD imsemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (i).

(3) *itejbu l-kwalità tad-data meta jirrappurtaw irregolaritajiet*



Madankollu, għad hemm lok għal titjib, bħall-implimentazzjoni ta' regoli ġodda dwar is-sottovalutazzjoni tad-dwana u r-rifjut li tiġi rilaxxata l-merkanzija meta jkun hemm dubju; jista' jiġi kkunsidrat l-użu ta' profili tar-riskju fl-UE kollha abażi ta' "prezzijiet medji netti". Jistgħu jsiru aktar sforzi biex jiġu żgurati proċeduri elettroniċi tal-akkwist pubbliku. Barra minn hekk, xi Stati Membri jipprovdu jew jorganizzaw taħriġ u seminars dwar l-użu ta' sistemi tal-IT għal skopijiet ta' rappurtar, sabiex itejbu l-kwalità tad-data u jaġġornaw irregolaritajiet li diġà jkunu rappurtati, Stati Membri oħra jistgħu jintensifikaw l-isforzi tagħhom. Fl-aħħarnett, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tista' titjeb fir-rigward tat-theddida li dejjem qed tikber tal-frodi transnazzjonali, u fir-rigward tal-programmi ta kooperazzjoni territorjali Ewropea.

(4) *iqisu l-konklużjonijiet tal-analiżi tar-riskju*




2.5. Sommarju ta' statistika dwar l-irregolaritajiet u l-frodi identifikati³²

Fl-2017 ġew irrapportati 15 213 irregolarità frodulent u mhux frodulent lill-Kummissjoni, 20,8 % inqas mill-2016. Dawn involvew madwar EUR 2,58 biljun, 8,6 % inqas mis-sena preċedenti.

Id-detezzjoni ta' irregolarità timplika li ttieħdu miżuri korrettivi sabiex jiġu rkuprati l-ammonti finanzjarji irregolari involuti u li nbdew proċedimenti kriminali jekk kien hemm suspett ta' frodi.

³² Għal analiżi ddetaljata tal-irregolaritajiet irrappurtati, ara l-SWD imsemmi fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna, il-punt (ii).

Illustrazzjoni 3: Irregolaritajiet irrapportati bħala frodulent i fl-2017



2.5.1. Irregolaritajiet frodulent i identifikati

L-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulent i (li jinkludu każijiet ta' frodi ssuspettata jew stabbilita) u l-ammonti relatati ma humiex indikatur dirett tal-livell ta' frodi li jaffettwa l-baġit tal-UE. Dawn pjuttost jindikaw kemm-il każ ta' frodi potenzjali qed jiġi identifikat mill-Istati Membri u mill-korpi tal-UE.


Fl-2017, ġew irrapportati 1 146 irregolarità bħala frodulent i (jiġifieri 7,5 % tal-irregolaritajiet kollha identifikati u rrapportati),³³ li jinvolvu madwar EUR 467 miljun (li jirrappreżentaw 18,1 % tal-ammonti finanzjarji kollha affettwati mill-irregolaritajiet)³⁴ u li jkopru kemm in-nefqa kif ukoll id-dħul, kif muri fi Figure 3.

L-għadd ta' irregolaritajiet frodulent i rrapportati fl-2017 naqas b'19,3 % meta mqabbel mal-2016 filwaqt li l-ammonti finanzjarji involuti żdiedu b'37,5 %. Meta wieħed iħares lejn perjodu ta' ħames snin (2013-2017), dan kien 32 % inqas mill-2013, u 23 % inqas mill-medja ta' ħames snin. Madankollu, l-impatt finanzjarju jvarja b'mod sinifikanti (ara l-Illustrazzjoni 4), peress li jista' jiġi affettwat minn każijiet individwali li jinvolvu ammonti kbar ħafna.

³³ Dan l-indikatur huwa l-livell tal-frekwenza tal-frodi (FFL - fraud frequency level). Ara t-taqsima 2.3.2 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni *Methodology regarding the statistical evaluation of reported irregularities for 2015 (Metodoloġija fir-rigward tal-evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għall-2015)* (SWD(2016) 237 final).

³⁴ Dan l-indikatur huwa l-livell tal-ammont tal-frodi (FAL - fraud amount level). Ara t-taqsima 2.3.3 tad-dokument imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33.

Illustrazzjoni 4: L-irregolaritajiet irrappurtati bħala frodulent u l-ammonti relatati, 2013-2017




Analiżi tal-irregolaritajiet frodulent kollha rrapportati fl-2017, skont l-Istat Membru u skont is-settur tal-baġit, hija ppreżentata fl-Anness 1.

2.5.2. L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulent

Fl-2017, 14,067 irregolarità li ma kinux irrappurtati bħala frodulent ġew innotifikati lill-Kummissjoni (20,9 % inqas mill-2016). Iċ-ċifri naqsu għas-setturi kollha ħlief qabel l-adeżjoni. L-ammonti finanzjarji involuti naqsu b'madwar EUR 2,1 billion, kif muri fi Figure 5.

Illustrazzjoni 5:

Irregolaritajiet li ma ġewx irrappurtati bħala frodulent i fl-2017




2.5.3. Investigazzjonijiet tal-OLAF

Fl-2017, l-OLAF fetaħ 215-il investigazzjoni u għalaq 197 investigazzjoni, u rrakkomanda rkupri finanzjarji li jammontaw għal EUR 3,1 biljun, li EUR 2,7 biljun minnhom kienu relatati mad-dħul. Din iċ-ċifra eċċezzjonalment għolja ġejja minn każijiet ta' frodi ta' sottovalutazzjoni kbira mill-OLAF tul is-sena. Sa tmiem is-sena, kienu għadhom għaddejjin 362 investigazzjoni.³⁵

³⁵ https://ec.europa.eu/anti-fraud/about-us/reports/olaf-report_en

Illustrazzjoni 6: Investigazzjonijiet li kienu għadhom għaddejjin sa tmiem l-2017, imqasma skond is-settur³⁶



³⁶ Fl-2017, bħal fis-snin preċedenti, l-OLAF kompli jittratta għadd relattivament għoli ta' każijiet relatati mal-Parlament Ewropew. Filwaqt li ħafna mill-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin, il-każijiet tal-2017 kienu ġeneralment jinvolvu użu ħażin tal-fondi tal-Parlament Ewropew biex jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-partiti nazzjonali. Dawn il-każijiet ġew irreġistrati taħt il-kategorija "staff tal-UE". Ara r-rapport OLAF 2017 (nota f'qiegħ il-paġna 35, il-paġna 23).

3. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI KONTRA L-FRODI — DĦUL

3.1. Miżuri kontra l-frodi tal-Istituzzjonijiet tal-UE – Dħul

Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam ta' dħul, l-iskambju rapidu, f'waqtu u preċiż tal-informazzjoni huwa essenzjali. Dan jiżgura l-koordinazzjoni adegwata sabiex jitħarbtu skemi ta' frodi ta' natura transnazzjonali. L-UE tissielet kontra l-frodi u l-irregolaritajiet f'dawn l-oqsma billi ssaħħaħ il-qafas legali u l-ftehimiet ta'

kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li tiżgura koordinazzjoni operattiva permezz tal-Operazzjonijiet Doganali Konġunti (JCOs - Joint Customs Operations) u billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-frodi tal-VAT.

L-Istati Membri adottaw miżuri nazzjonali biex:

- jirrieżaminaw il-pjanijiet strateġiċi, il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-indikaturi;
- jorganizzaw mill-ġdid servizzi kompetenti; kif ukoll
- isaħħu l-iskambji tal-informazzjoni.

Illustrazzjoni 7: Politiki ewlenin fl-oqsma ta' dħul

Il-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni

Mal-11-il operazzjoni doganali konġunta kkoordinata mill-OLAF

Proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-frodi tal-VAT (id-diskussjonijiet għadhom għaddejnin fil-Kunsill)

Ftehimiet ta' assistenza reċiproka ma' pajjiżi mhux tal-UE: Mercosur u l-Ażerbajġan

Klawsola kontra l-frodi fil-ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ġappun

3.1.1. Assistenza Amministrattiva Reċiproka

3.1.1.1. Implimentazzjoni tal-Artikolu 43b tar-Regolament (KE) Nru 515/97

Ir-Regolament (UE) 2015/1525,³⁷ li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97³⁸ dwar l-għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi fi kwistjonijiet doganali, daħħal l-Artikolu ġdid 43b, li jesiġi li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li testendi d-direttorju tal-messaġġ dwar l-istatus tal-kontejner (CSM) u d-direttorju tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu (IET) sabiex tiġi esportata *data* li mhijiex limitata għal prodotti soġġetti għas-sisa. Il-Kummissjoni hija obbligata ukoll tivvaluta l-fattibbiltà li testendi d-direttorju tat-trasport għal *data* dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-prodotti bl-art u bl-ajru.

³⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 243, 18.9.2015, p. 1).

³⁸ ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1.

Il-Kummissjoni se tippreżenta s-sejbiet tagħha fir-rapport PIF tal-2016³⁹. Sadanittant, kompliet b'ħidmietha u ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha⁴⁰.

3.1.1.2. Sistema tal-Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS)

L-AFIS hija sistema komprensiva ta' applikazzjonijiet kontra l-frodi operata mill-OLAF, bl-użu ta' infrastruttura teknika komuni. Din hija għodda tal-IT importanti għal bosta amministrazzjonijiet u utenti oħrajn involuti fil-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE. Tippermetti wkoll ekonomiji sostanzjali ta' skala u sinerġiji fl-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operat ta' din il-ġabra wiesa' u differenti ta' servizzi u għodod tal-IT, u għandha l-għan ta':

- skambju f'waqtu u sikur ta' informazzjoni relatata ma' frodi bejn l-amministrazzjonijiet kompetenti nazzjonali u dawk tal-UE; kif ukoll
- ħżin u analiżi ta' data rilevanti.

³⁹ Ara COM(2017) 383 final, it-taqsim 3.1.1.2.

⁴⁰ Għal aktar dettalji ara l-SWD msemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (vi).

L-AFIS tkopri żewġ oqsma ewlenin:

- l-ghajjnuna reċiproka fi kwistjonijiet doganali; kif ukoll
- il-ġestjoni ta' irregolaritajiet.

Fi tmiem l-2017, l-AFIS kellha 8 600 utent aħħari rreġistrati f'isem aktar minn 1 800 servizz kompetenti fi Stati Membri, pajjiżi sħab mhux tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali, dipartimenti tal-Kummissjoni u korpi oħra tal-UE. Fl-2017, total ta' 16 324 każ kienu disponibbli fil-bażijiet tad-*data* u l-moduli tal-assistenza reċiproka tal-AFIS.

Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS - irregularity management system), operata taħt il-pjattaforma tal-AFIS, irċeviet 88 347 komunikazzjoni ġdida dwar irregolaritajiet minn Stati Membri u pajjiżi kandidati.

Żewġ sistemi tal-IT ġodda previsti fir-Regolament (KE) Nru 515/97 (kif emendat), id-direttorju tal-CSM u d-direttorju tal-IET, bdew jaħdmu fl-1 ta' Settembru 2016.

Fl-2017, l-AFIS irċeviet 637 miljun CSM. Id-direttorju IET jinkludi *data* ta' dikjarazzjoni dwar l-importazzjoni u t-tranżitu ta' prodotti u dwar l-esportazzjoni ta' prodotti soġġetti għas-

sis. Ġew ipproċessati xi 5,3 miljun dikjarazzjoni dwar l-esportazzjoni u messaġġi relatati.

L-AFIS intużat għal aċċess u skambju sikur ta' informazzjoni fi hdx-il JCO (ara t-taqsima li ġejja).

Is-sistema tal-informazzjoni dwar it-tranżitu kontra l-Frodi (ATIS) irċeviet informazzjoni dwar 22,5 miljun konsenja ta' tranżitu ġodda. Dawn huma disponibbli wkoll fid-direttorju tal-IET.

3.1.1.3. Operazzjonijiet doganali konġunti (JCOs)

Il-JCOs huma miżuri operattivi kkoordinati u mmirati implimentati mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u ta' pajjiżi mhux tal-UE, fuq perjodu ta' żmien limitat, biex jiġġieldu t-traffikar illeċitu transfruntier ta' prodotti.

Fl-2017, l-OLAF ikkoordina u appoġġa 11-il JCO, ikkoopera mal-Istati Membri u pprova appoġġ tekniku, finanzjarju, loġistiku u ta' intelligence.

Il-JCOs kellihom fil-mira theddidiet varji, inkluż il-kuntrabandu tas-sigaretti, il-frodi tad-dħul, il-prodotti ffalsifikati, il-moviment illeċitu ta' flus u d-drogi. Figure 8 tippreżenta somarju tal-biċċa l-kbira tal-operazzjonijiet.

Illustrazzjoni 8: Operazzjonijiet doganali konġunti fl-2017

Operazzjoni	Pajjiżi parteċipanti	Kamp ta' Applikazzjoni	Riżultati
JCO Renegade	Laqgħa bejn l-Ewropa u l-Asja: l-Istati Membri kollha, in-Norveġja, 12-il pajjiż Asjatiku, l-Interpol, il-Europol, l-Uffiċċju Reġjonali ta' Kollegament ta' Intelligence (WTO)	Prodotti ffalsifikati, b'mod partikolari spare parts tal-karozzi (ASPs)	70 000 ASP; 400 000 prodotti ffalsifikati oħra; 56 miljun sigarett (li jiswew EUR 12-il miljun f'dazji doganali u taxxi)
JCO Cerberus	27 Stat Membru, appoġġ tal-Europol	Flus li ma jiġux iddikjarati, ħasil il-flus u organizzazzjonijiet kriminali involuti f'attivitajiet terroristiċi.	Iż-żamma ta' EUR 6,4 million
JCO Magnum II	Ikkoordinata mid-dwana Estonjana bl-involviment ta' 14-il Stat Membru, il-Europol u l-Frontex	Il-kuntrabandu ta' prodotti tat-tabakk ittrasportati bit-triq minn pajjiżi mhux tal-UE (il-Belarusja, l-Ukrajna u r-Russja)	Is-sekwestru ta' madwar 20 miljun sigarett
Octopus II	Organizzata mid-dwana Franċiża	Frodi tad-dħul	L-evalwazzjoni għadha għaddejjja
Load, Lock Sea, Lucky u Pascal	Ikkoordinata mid-dwana Franċiża	Operazzjonijiet reġjonali ta' sorveljanza marittima biex jiġi identifikat it-traffikar illeċitu bil-baħar ta' prodotti sensitivi, fl-Atlantiku u fiż-żoni tal-Mediterran	Inħatfu aktar minn ħames (5) tunnelli ta' raża tal-kannabis u għaxar (10) persuni ġew arrestati

Operazzjoni	Pajjiżi parteċipanti	Kamp ta' Applikazzjoni	Riżultati
JCO Postbox	Mexxija mid-dwana Belġjana, Ġermaniża u Żvediża taħt l-azzjoni "id-dwana kontra ċ-ċiberkriminalità"	Il-frodi tad-dazju u l-kummerċ illegali fi prodotti ffalsifikati, drogi u armi waqt konsenji ttrasportati bil-posta u minn servizzi bil-kurjer express	Aktar minn 3,000 sekwestru ta' eluf ta' prodotti illeċiti, inklużi preparazzjonijiet farmaċewtiċi, drogi, sigaretti, oġġetti ffalsifikati, speċi protetti u armi
JCO Darius	Organizzata mid-dwana Franċiża	Kuntrabandu ta' sustanzi psikoattivi speċifiċi ġodda (NPS) u oġġetti ffalsifikati u sottovalutati, ittrasportati bil-posta u b'kurjers rapidi	Aktar minn 300 sekwestru
Azzjoni konġunta Hansa	Immexxija mid-dwana tar-Renju Unit f'kooperazzjoni mal-Europol	Moviment intern ta' oġġetti illegali suġġetti għas-sisa, prinċipalment sigaretti	Qbid ta' għadd kbir ta' sigaretti u prodotti oħra tat-tabakk

3.1.2. *Għajjnuna reċiproka u dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali*

Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 515/97, ġew iffinalizzati negozjati mal-Mercosur (l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj) u l-Ażerbajġan dwar dispożizzjonijiet għal assistenza amministrattiva reċiproka, li tikkostitwixxi l-bażi legali għall-iskambju tal-informazzjoni dwar frodi u irregolaritajiet. Sar progress sew fin-negozjati mat-Tuniżija u l-Indoneżja.

L-UE għamlet progress fin-negozjati li għadhom għaddejnin dwar l-inklużjoni ta' klawnsola kontra l-frodi fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Messiku, il-Mercosur, iċ-Ċili, l-Indoneżja u t-Tuneżija, u kkonkludiet ftehim mal-Ġappun.

3.1.3. *Il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk*

Fit-12 ta' Mejju l-Kummissjoni ħarġet rapport ta' progress⁴¹ dwar l-eżitu preliminari tal-Komunikazzjoni tal-2013 tagħha *L-intensifikar tal-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigarretti u forom oħra ta' kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk — Strateġija komprensiva tal-UE*,⁴² li ġiet ippreżentata flimkien ma' pjan ta' azzjoni komprensiv.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiżiħ tal-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-prodotti tat-tabakk fl-UE (adottati fis-7 ta' Diċembru 2017)⁴³ u l-konferenza "Il-Ġlieda kontra t-tabakk illegali" tal-partijiet ikkonċernati (organizzata flimkien mal-OLAF u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Ewropew f'Marzu 2018) jkomplu jorbtu max-xogħol tal-Kummissjoni dwar pjan ta' azzjoni ġdid għall-ġlieda kontra t-tabakk illeċitu, previst għall-aħħar tas-sajf tal-2018.

Barra minn hekk, l-UE rratifikat il-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC - Framework Convention on Tobacco Control) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-24 ta' Ġunju 2016. Il-Protokoll jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Settembru 2018. Il-Kummissjoni se tirrappreżenta lill-UE fl-ewwel laqgħa tal-partijiet tal-protokoll f'Ottubru 2018 u se jibqa' jkollha rwol ewlieni fl-inkoraġġiment tal-Istati Membri, tal-pajjiżi ġirien u tal-pajjiżi tas-sors u tat-tranżitu ewlenin biex jirratifikaw u jimplimentaw il-Protokoll.

3.1.4. *Ġlieda kontra l-frodi tal-VAT*

Fit-30 ta' Novembru 2017, bħala segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni tal-VAT ta' April 2016,⁴⁴ il-Kummissjoni adottat proposta biex temenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud⁴⁵. F'Ġunju 2018, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar il-proposta. Il-proposta għandha l-għan li tagħmel is-sistema tal-VAT tal-UE aktar reżistenti għall-frodi u telimina l-lakuni li jistgħu jwasslu għal frodi tal-VAT fuq skala kbira. Ir-regolament il-ġdid għandu l-għan li jsaħħaħ il-fiduċja bejn l-Istati

⁴⁴ Pjan ta' azzjoni dwar il-VAT: *lejn Żona Unika tal-VAT tal-UE - iż-żmien li tittieħed deċiżjoni*, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (COM (2016) 148).

⁴⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

⁴¹ COM(2017) 235 final.

⁴² COM(2013) 324 final.

⁴³ Dokument tal-Kunsill 15638/17.

Membri sabiex ikunu jistgħu jiskambjaw aktar informazzjoni u jintensifikaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali u l-korpi tal-infurzar tal-liġi nazzjonali. Dawn il-miżuri jinkludu:

- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (pereż. sistema ġdida tal-IT għall-ipproċessar tal-informazzjoni u għall-analiżi tar-riskju fil-Eurofisc (Netwerk tal-UE ta' esperti kontra l-frodi), awditi konġunti);
- it-tisħiħ tal-komunikazzjoni u tal-iskambju tad-*data* bejn l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali f'Eurofisc u l-korpi tal-infurzar tal-liġi Ewropej (OLAF, Europol u l-UPPE futur);
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa u tad-dwana għal ċerti proċeduri doganali applikabbli għal importazzjonijiet minn barra l-UE, li attwalment huma vulnerabbli għall-frodi tal-VAT; kif ukoll
- it-tisħiħ tal-iskambju tal-informazzjoni sabiex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT fuq il-karozzi użati.

3.2. Miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi - dħul

Xi 12-il Stat Membru rrappurtaw miżuri biex jiġġieldu l-frodi doganali; dawn kienu jinkludu:

- L-irfinar tal-indikaturi tar-riskju biex tiġi indirizzata s-sottovalutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni⁴⁶;
- ir-rieżami tal-valutazzjoni tar-riskju doganali nazzjonali u żieda fil-multi minimi jekk ma jiġix iddikjarat l-amont ta' flus li jingarr⁴⁷;
- l-abbozzar ta' pjan doganali intern⁴⁸;
- l-istabbiliment ta' prijoritajiet strateġiċi u operattivi għad-dwana u s-sisa;⁴⁹ kif ukoll
- l-implimentazzjoni ta' metodu ta' awditjar ġdid ta' wara r-rilaxx li jestendi l-ispezzjonijiet għall-attivitajiet kollha tal-operatur ekonomiku magħżul⁵⁰.

Tliet pajjiżi introduċew miżuri biex jiżguraw il-ħlas korrett tar-riżorsi proprji tal-UE⁵¹ u rkupri

aktar effettivi,⁵² jew biex jikkumbattu l-frodi u l-evazzjoni tat-taxxa⁵³.

Żewġ pajjiżi stabilixxew jew irrieżaminaw l-organizzazzjoni ta' korpi speċifiċi⁵⁴.

Stat Membru wiehed⁵⁵ indirizza l-bżonn li titjeb il-kwantità u l-kwalità tal-informazzjoni skambjata permezz ta' pjattaformi internazzjonali.

3.3. Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati - dħul

Illustrazzjoni 9: Mekkaniżmi prinċipali fl-irregolaritajiet identifikati u rrappurtati fl-2017



⁴⁶ B'mod partikolari n-Netherlands fir-rigward tal-prodotti tessili.

⁴⁷ Il-Portugall.

⁴⁸ Il-Finlandja.

⁴⁹ Il-Belġju.

⁵⁰ L-Italja.

⁵¹ Id-Danimarka.

⁵² Spanja.

⁵³ Is-Slovenja.

⁵⁴ Il-Ġermanja u l-Greċja.

⁵⁵ Franza.

3.3.1. Irregolaritajiet frodulent i identifikati⁵⁶

It-total ta' 441 irregolarità kienu rrapportati bħala frodulent i fl-2017. Dan huwa 33 % inqas mill-medja fuq ħames snin (658 irregolarità bħala medja għall-perjodu 2013-2017). L-ammont affettwat ta' TOR stmat u stabbilit (EUR 76 miljun) fl-2017 kien 28 % inqas mill-medja fuq ħames snin (EUR 106 miljun).

Fir-rigward tal-investigazzjoni ta' frodi ta' sottovalutazzjoni fir-Renju Unit, infetħet proċedura ta' qabel il-ksur b'ittra ta' intimazzjoni f'Marzu 2018. Il-proċedura tnediet fi żmien rekord u fuq il-bażi li r-Renju Unit ma kienx ħa l-miżuri xierqa biex jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE għal bosta snin u kien irrifjuta li jagħmel disponibbli għall-baġit tal-UE t-telf TOR li rriżulta min-nuqqas ta' azzjoni tiegħu. Il-ksur ikopri l-perjodu sa mill-2011. Jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma jirnexx ilhomx jirkupraw id-dazji dovuti, dawn se jinżammu finanzjarjament responsabbli għat-TORs kollha relatati li ma kinux disponibbli għall-baġit tal-UE.

Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kummissjoni daħħlet riżerva fir-rapport annwali tal-attività tal-2017 dwar l-eżattezza tal-ammonti TOR ittrasferiti fil-baġit tal-UE mir-Renju Unit.

3.3.2. L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulent i

Fl-2017 l-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati bħala mhux frodulent i kien 4 195, li huwa 8 % inqas mill-medja fuq ħames snin (4 564 fl-2013-2017). It-total affettwat tal-ammonti TOR stmati u stabbiliti kien ta' EUR 425 miljun fl-2017, li huwa 15 % aktar mill-medja fuq ħames snin ta' EUR 369 miljun.

4. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI SETTORJALI KONTRA L-FRODI — NEFQA

4.1. Politiki u miżuri settorjali kontra l-frodi tal-Istati Membri li jinvolvu diversi setturi ta' nefqa

L-Istati Membri rrapportaw diversi miżuri li jindirizzaw diversi fondi fl-istess waqt, l-aktar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE)⁵⁷. Xi miżuri jestendu għal fondi oħra taħt ġestjoni kondiviża, bħall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni (AMIF), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD -

⁵⁶ Għal informazzjoni dwar l-irkupru tal-ammonti TOR affettwati minn frodi u irregolaritajiet, ara l-SWD imsemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (ii).

⁵⁷ Il-FSIE jkopru fil-biċċa l-kbira l-politiki agricoli, tas-sajd u ta' koeżjoni.

Fund for European Aid to the Most Deprived) u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG). Dawn il-miżuri huma ta' natura u skop differenti ħafna u jvarjaw minn simplifikazzjoni tal-proċeduri għal rieżami tas-sistema ta' korrezzjonijiet finanzjarji; minn valutazzjonijiet tar-riskju għal korsijiet ta' taħriġ dwar kwistjonijiet speċifiċi trażversali⁵⁸.

4.2. Agrikoltura — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.2.1. Agrikoltura — miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi

Disa' Stati Membri rrappurtaw miżuri kontra l-frodi speċifiċi għall-agrikoltura. Tliet pajjiżi ffukaw fuq "il-ħolqien artifiċjali tal-kriterji ta' eliġibbiltà"⁵⁹. Miżuri oħra jinvolvu:

- taħriġ obligatorju għall-prevenzjoni tal-frodi u strateġija kontra l-frodi għall-iżvilupp rurali⁶⁰;
- il-prevenzjoni ta' irregolaritajiet waqt l-għoti ta' għajnuniet u sussidji⁶¹;
- kontrolli abbażi ta' regoli tal-akkwist u evalwazzjoni ta' "kemm huma raġonevoli" l-ispejjeż⁶²;
- titjib fit-tempestività u fil-kwalità tal-informazzjoni rrappurtata permezz tal-IMS⁶³;
- ir-rieżami tas-sistema ta' kontroll esterna u interna, wara li jiġi individwat ingann⁶⁴; kif ukoll
- ir-rieżami ta' proċeduri f'oqsma bħalma huma l-prattiki ta' senjalazzjonijiet, l-użu ta' indikaturi tar-riskju u kooperazzjoni għall-infurzar tal-liġi⁶⁵.

4.2.2. Agrikoltura — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tħaddan żewġ komponenti ewlenin:

- appoġġ dirett (AD) permezz ta' pagamenti diretti lill-bdiewa u miżuri ta' appoġġ għas-suq, li huma ffinanzjati mill-Fond Agrikolu

Ewropew ta' Garanzija (FAEG — madwar 80 % tal-baġit tal-PAK); kif ukoll

- L-iżvilupp rurali (ŻR), li huwa prinċipalment iffinanzjat permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR — l-20 % li jifdal mill-baġit għall-PAK).

Il-FAEG isegwi ċiklu ta' implimentazzjoni annwali, filwaqt li l-FAEŻR jiffinanzja programmi pluriennali.

It-tendenza tal-irregolaritajiet identifikati u rrappurtati mill-Istati Membri tul dawn l-aħħar ħames snin hija influwenzata minn dawn id-differenzi: L-AD juri tendenza stabbli u kostanti, filwaqt li l-iŻR juri kurvatura li tilħaq l-ogħla livell fl-2015. Analiżi tal-irregolaritajiet tikkonferma li hemm riskju oġġa assoċjat mal-miżuri ta' appoġġ għas-suq u mal-investimenti fl-iŻR⁶⁶.

4.2.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati

Għas-snin ta' rappurtar mill-2013 sal-2017, il-livell tal-frekwenza tal-frodi (FFL) kien ta' madwar 11 % u l-livell tal-ammont tal-frodi (FAL) kien ta' 25 %. Iż-żewġ indikaturi, imma speċjalment il-FAL, kienu oġġa għall-AD milli għall-iŻR.

F'numri assoluti, il-biċċa l-kbira tal-frodi potenzjali individwati affettwaw l-iŻR, iżda l-ammont finanzjarju totali tal-każijiet li jirrigwardaw l-AD kienu oġġa u żdiedu b'mod sinifikanti fl-2017. Il-predominanza tal-AD f'termini finanzjarji kienet dovuta għal ftit każijiet li jikkonċernaw il-miżuri tas-suq u li kienu jinvolvu ammonti kbar ħafna. Madankollu, anke jekk jiġu esklużi dawn il-każijiet eċċezzjonali, l-ammont finanzjarju medju ta' frodi potenzjali fil-qasam tal-miżuri tas-suq huwa oġġa mill-każijiet tal-iŻR. L-ammont finanzjarju medju tal-frodi potenzjali li tirrigwarda l-pagamenti diretti huwa anqas minn dak tal-każijiet tal-iŻR, u fl-2017 naqas.

Ir-Rata tal-Identifikazzjoni tal-Frodi (FDR - Fraud Detection Rate) kienet oġġa għall-iŻR milli għall-AD kollu kemm hu. Minkejja dan, il-miżuri tas-suq l-aktar li kienu affettwati, b'FDR ta' 1,17 %. Madankollu, tajjeb li jiġi kkunsidrat li dan huwa influwenzat sew minn ftit każijiet b'ammonti finanzjarji eċċezzjonali. F'termini finanzjarji, il-miżuri tas-suq prinċipali kkonċernati kienu daww tal-"frott u l-ħaxix", "il-laħam tal-majjal, il-bajd u l-pollam, it-trobbija

⁵⁸ Għal prospett sħiħ ara l-paragrafu 5.1 tal-SWD msemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (i).

⁵⁹ Il-Ġermanja, il-Litwanja u Ċipru.

⁶⁰ L-Ungerija.

⁶¹ Is-Slovakkja.

⁶² In-Netherlands.

⁶³ L-Awstrija.

⁶⁴ Il-Lussemburgu.

⁶⁵ Il-Polonja.


⁶⁶ L-evalwazzjonijiet kollha ppreżentati f'din it-taqsimha huma bbażati fuq is-sejbiet deskritti fil-Kapitolu 3 tal-SWD msemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (ii).

tan-naħal u prodotti ta' annimali oħra" u "prodotti tas-settur vinikolu".

Il-proporzjon tal-każijiet magħluqa hija ogħla fl-agrikoltura milli fil-qasam tal-politika ta'

Illustrazzjoni 10: Politika agrikola - fatti u illustrazzjonijiet ewlenin

koeżjoni. L-awtoritajiet ġudizzjarji huma inqas inklinati li jħarrku għal reati allegati f'dan is-settur.



4.2.2.2. L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulenti

Bħala regola ġenerali, il-mekkaniżmi deskritti fit-taqsimha 4.2.2 japplikaw ukoll għal irregolaritajiet mhux irrappurtati bħala frodulenti. L-irregolaritajiet osservati għall-iżR huma prevalenti kemm numerikament kif ukoll f'termini ta' ammonti finanzjarji totali. Madankollu, l-ammont finanzjarju medju involut f'każijiet tal-AD huwa ogħla u kompli jogħla fl-2017. Għal darb'oħra, ftit każijiet li kienu jirrigwardaw il-miżuri tas-suq u li kienu jinvolvu ammonti kbar ikkontribwew għal din il-medja ogħla. Madankollu, anke jekk jiġu esklużi dawn il-każijiet eċċezzjonali, l-ammont finanzjarju medju ta' irregolaritajiet mhux frodulenti fil-miżuri tas-suq tal-2013-2017 huwa xorta ogħla minn dak tal-każijiet tal-iżR. L-ammont finanzjarju medju ta' irregolaritajiet mhux frodulenti li jirrigwardaw il-pagamenti diretti huwa anqas minn dak tal-każijiet tal-iżR u qed jonqos.

Minn fost l-irregolaritajiet mhux frodulenti individwati, irrappurtati u komuni, ksur relatat ma' talbiet għall-pagament jew evidenza dokumentata huma prevalenti, u hemm bosta rapporti dwar falsifikazzjoni. Madankollu dawn

il-każijiet ma humiex ikklassifikati bħala frodulenti⁶⁷.

Ir-Rata tal-Identifikazzjoni tal-Irregolaritajiet (IDR - Irregularity Detection Rate) kienet ogħla għall-iżR milli għall-AD kollu kemm hu. Madankollu l-IDR għall-miżuri tas-suq hija ta' 1,39 %, l-ogħla fil-qasam ta' politika kollu. Mill-ġdid, din hija influwenzata minn ftit każijiet li jinvolvu ammonti finanzjarji kbar.

Illustrazzjoni 11: Miżuri tas-suq l-aktar affettwati minn irregolaritajiet (frodulenti u mhux frodulenti)

Miżuri tas-suq affettwati		
Prodotti tas-settur vinikolu	Frott u ħaxix	Il-laħam tal-majjal, il-bajd u l-pollam, it-trobbija tan-naħal u prodotti ta' annimali oħra

⁶⁷ Din is-sitwazzjoni tirrigwarda prinċipalment l-Italja. Dawn l-irregolaritajiet jistgħu jiġu riklassifikati fi stadju aktar tard, u approċċ bħal dan jista' jkun marbut ma' fażi preliminari ta' investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin.

4.3. Politika ta' koeżjoni u s-Sajd — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.3.1. Politika ta' koeżjoni u s-Sajd — miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi

Il-politika ta' koeżjoni u s-sajd kienu l-aktar oqsma ta' politiki milquta mill-miżuri li l-Istati Membri adottaw fl-2017.

Tmien pajjiżi rrapportaw li introduċew ARACHNE fis-sistema ta' ġestjoni tagħhom,⁶⁸ għodod tal-IT fl-akkwist pubbliku,⁶⁹ sistema kompjuterizzata ta' kontabilità⁷⁰ jew titjib fis-sistema tal-informazzjoni tal-benefiċjarji⁷¹. Erbgħa introduċew għodda għall-valutazzjoni tar-riskju tal-frodi⁷² jew żviluppaw analiżi tar-riskju speċifilka dwar ir-reati ekonomiċi⁷³.

Erba' pajjiżi adottaw miżuri dwar il-ġestjoni jew ir-rappurtar tal-irregolaritajiet⁷⁴. Tliet miżuri adottati speċifiċi għal fond wieħed⁷⁵. Il-miżuri li fadal kienu jirrigwardaw il-kunflitt ta' interess,⁷⁶ l-introduzzjoni ta' proċedura ta' verifika⁷⁷ u taħriġ kontra l-frodi⁷⁸.

Illustrazzjoni 12: Politiki ta' koeżjoni u tas-sajd - fatti u illustrazzjonijiet ewlenin

⁶⁸ Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Lussemburgu, in-Netherlands u r-Renju Unit.

⁶⁹ Il-Polonja.

⁷⁰ Is-Slovenja.

⁷¹ Il-Finlandja.

⁷² Il-Ġermanja, Ċipru u l-Lussemburgu.

⁷³ L-Iżvezja.

⁷⁴ Il-Bulgarija, il-Kroazja, id-Danimarka u Malta.

⁷⁵ Il-Ġermanja (ESF), l-Irlanda (ESF) u l-Italja (EMFF).

⁷⁶ Il-Belġju.

⁷⁷ L-Awstrija.

⁷⁸ Il-Finlandja.



4.3.2. Politika ta' koeżjoni u s-sajd — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

Analiżi tal-politika ta' koeżjoni hija aktar kumplessa minn dik ta' setturi baġitarji oħra, għaliex l-informazzjoni li tasal (l-irregolaritajiet irrapportati) tirrigwarda perjodi ta' programmar differenti (PPs) irregolati minn għabriet ta' regoli parzjalment differenti.

Barra minn hekk, il-fatt li PPs huma sinifikanti b'mod pluriennali, jaffettwa x-xejriet sottostanti. Minħabba li s-similaritajiet fil-ġestjoni tal-fondi, is-sajd u l-politika ta' koeżjoni huma analizzati flimkien.

L-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati fir-rigward tal-politiki ta' koeżjoni u tas-sajd laħqu l-ogħla livell fl-2015, f'konformità mal-progress taċ-ċiklu ta' programmar.

L-irregolaritajiet irrapportati fl-2017 kienu jirrigwardaw erba' PPs differenti, bl-akbar proporzjon (94 %) marbut mal-PP 2007-2013 u 570 biss (anqas minn 2 %) mal-PP 2014-2020⁷⁹. F'konformità maċ-ċiklu ta' implimentazzjoni, ir-rappurtar b'referenza għall-PP 2014-2020 beda bażikament fl-2016 u żdied fl-2017. Xorta ma hemmx biżżejjed data biex issir analiżi sinifikanti.

Peress li l-biċċa l-kbira tal-irregolaritajiet irrapportati huma marbutin mal-PP 2007-2013,

l-analiżi tiffoka prinċipalment fuq dan i-ċiklu ta' programmar kollu kemm hu.

4.3.2.1. Irregolaritajiet frodulent identifikati

L-għadd ta' frodi potenzjali komplew jonqsu bil-mod mill-ogħla livell tal-2015, filwaqt li l-ammonti finanzjarji żdiedu (prinċipalment minħabba irregolaritajiet li huma marbutin mal-PP2002-2013).

Ir-“riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (RTD)” u l-prijoritajiet ta' “trasport” kienu fost l-aktar affetwati mill-frodi potenzjali. Fir-rigward tal-ewwel, il-ksur tad-dispożizzjonijiet kuntrattwali kien l-aktar ksur irrapportat fost irregolaritajiet potenzjalment frodulent u mhux frodulent. Kien irrapportat ksur li kien jirrigwarda r-regoli tal-akkwist pubbliku, iżda ftit li xejn bħala frodulent. Ksur dwar l-etika u l-integrità ftit li xejn kienu rrapportati, iżda l-biċċa l-kbira kienu kklassifikati bħala frodi potenzjali. B'mod speċifiku, il-biċċa l-kbira kienu jinvolvu kunflitt ta' interess jew kienu jappartjenu għal kategorija “oħra”.

⁷⁹ L-evalwazzjonijiet kollha ppreżentati f'din it-taqsimha huma bbażati fuq is-sejbiet deskritti fil-Kapitolu 4 tal-SWD msemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (ii).

Perjodu ta' programmar (PP) 2007-2013	
Irregolaritajiet frodulenti <ul style="list-style-type: none"> • 1 934 - EUR 1,46 biljun • FDR 0,44 % (l-ogħla għall-konverġenza u s-sajd; l-aktar baxx għall-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ETC)) • prijoritajiet l-aktar affettwati: RTD, trasport, turiżmu 	Mhux frodulenti <ul style="list-style-type: none"> • 37 869 - EUR 8,46 biljun • FDR 2,53 % (l-ogħla għall-objettiv ta' konverġenza u s-sajd; l-aktar baxx għall-ETC) • prijoritajiet l-aktar affettwati: RTD, trasport u turiżmu

Rigward il-prijorità “trasport”, ksur relatat ma' dokumenti ta' prova kien l-aktar ksur irrappurtat bħala frodi potenzjali. Ksur li jirrigwarda r-regoli tal-akkwist pubbliku kien l-aktar irrappurtat, iżda rari li kien irrappurtat bħala frodi potenzjali. L-oppożizzjoni kien veru għall-ksur li jirrigwarda l-etika u l-integrità: dan il-ksur kien rari, iżda kollu kien jinvolvi frodi potenzjali. Kien jirrigwarda l-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni jew “oħrajn”.

Il-proporzjon tal-frodi stabbilita kien ogħla u l-kwittanzi kienu inqas għall-miżuri ta' politika ta' koeżjoni milli għall-agrikoltura.

4.3.2.2. L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulenti

L-għadd ta' irregolaritajiet mhux frodulenti jsegwi t-tendenza prinċipali enfasizzata hawn fuq. L-ammonti finanzjarji laħqu l-ogħla livell fl-2016 u mbagħad naqsu aktar bil-mod milli min-numru tagħhom. L-ammont finanzjarju medju ogħla li jirriżulta għall-PP 2007-2013 jista' jkun ir-riżultat ta' immirar aktar effettiv jew kien sempliċiment aċċidentali.

4.4. Ġestjoni indiretta (qabel l-adeżjoni) — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.4.1. Ġestjoni indiretta (qabel l-adeżjoni) — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

L-analiżi tal-irregolaritajiet relatati mal-ġestjoni indiretta tiffoka fuq l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni.

L-irregolaritajiet irrappurtati għadhom jikkonċernaw żewġ perjodi ewlenin:

- Il-Programmi ta' Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (PAA - pre-accession assistance) tal-2000-2006, biex iħejju għal serje ta' adeżjonijiet tal-2004 u l-2007, li bil-mod qed jitlestew (fl-2017 ġew irrappurtati biss ħames irregolaritajiet li jikkonċernaw EUR 0,1 miljun fir-rigward tal-PAA); kif ukoll
- L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA - pre-accession instrument) tal-2007-2013, li n-numru ta' irregolaritajiet irrappurtati baqa' kważi l-istess mill-2016 (114, li jirrigwardaw EUR 17,3 miljun).

Fir-rigward tal-PAA, instabet irregolarità waħda biss u ġiet irrappurtata bħala frodulenti. Għall-IPA, l-għadd ta' irregolaritajiet irrappurtati bħala frodulenti misjuba naqas għal 17 (minn 22 fl-2016), iżda kienu jinvolvu EUR 3,1 miljun (żieda minn EUR 0,7 miljun). Il-qasam ewlieni kkonċernat għadu l-appoġġ għall-iżvilupp rurali.

4.5. Ġestjoni diretta — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.5.1. Ġestjoni diretta — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

L-istatistika dwar il-ġestjoni diretta hija bbażata fuq ordnijiet ta' rkupru maħruġa mid-dipartimenti tal-Kummissjoni li huma rreġistrati fis-sistema tal-kontabilità abbażi tad-dovuti tal-Kummissjoni, (ABAC - accrual-based accounting system).

4.5.1.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati

Fl-2017, l-ABAC irreġistrat 65 oġġett ta' rkupru kklassifikati bħala frodulenti,⁸⁰ li ammontaw għal EUR 7,33 miljun. Meta dawn jitqabblu mal-fondi totali realment żborżati, l-FDR hija 0,03 %, jiġifieri madwar il-medja stabbli ta' ħames snin.

⁸⁰ Imsemmija fis-sistema bħala każijiet “innotifikati mill-OLAF”.

4.5.1.2. L-identifikazzjoni u r-rappurtar ta' irregolaritajiet mhux frodulenti

Fir-rigward tal-irregolaritajiet mhux frodulenti, fl-2017 ġew irreġistrati 1 585 oġġett ta' rkupru li ammontaw għal EUR 64,15 miljun. Matul perjodu ta' ħames snin, l-IDR baqgħet stabbli għal madwar 0,5 %.


5. IRKUPRU U MIŻURI PREVENTIVI U KORRETTIVI OĦRA

Informazzjoni dettaljata dwar irkupru, korrezzjonijiet finanzjarji u miżuri oħra preventivi u korrettivi (interruzzjonijiet u sospensjoni ta' ħlasijiet) jiġu ppubblikati fir-Rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR - Annual management and performance report), li mill-2016 jinkludi l-Komunikazzjoni annwali preċedenti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ħarsien tal-baġit tal-UE⁸¹.

6. KOOPERAZZJONI MAL-ISTATI MEMBRI

Il-Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni tal-Prevenzjoni ta' Frodi (COCOLAF) jlaqqa' flimkien lill-Kummissjoni (OLAF) u lill-esperti tal-Istati Membri. Jipprovdi forum biex jiġu diskussi l-iżviluppi ewlenin fil-ġlieda kontra l-frodi u l-preparazzjoni ta' dan ir-rapport, kif jobbliga l-Artikolu 325(5) TFUE. Il-ħidma tiegħu hija strutturata madwar erba' gruppi ta' ħidma u s-sessjoni plenarja (ara Figure 14).

Illustrazzjoni 14: L-istruttura u s-sottogrupperi ta' COCOLAF



⁸¹ L-AMPR huwa parti mill-pakkett tar-rapportar finanzjarju integrat tal-baġit tal-UE, (COM(2018) 457 final). Informazzjoni dwar l-irkupru min-naħa tad-dħul tingħata wkoll fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Ewalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrappurtati fl-2017".

Żewġ sottogrupperi ppreparaw dokument ta' gwida fl-2017:

- Sottogrupp għall-irrapportar u l-analiżi – *Manwal dwar ir-rekwiżit li jiġu rrapurtati l-irregolaritajiet*, li jipprovdi gwida dwar aspetti komuni tar-rappurtar tal-irregolaritajiet mill-Istati Membri għall-PP 2014-2020; kif ukoll
- Sottogrupp għall-prevenzjoni tal-frodi – *Il-frodi fl-akkwist pubbliku - ġabra ta' senjalazzjonijiet ta' allarm u l-aħjar prattiki*, li jħaddan għadd ta' każijiet bħala eżempju, senjalazzjonijiet ta' allarm, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li huma miġburin tematikament skont il-fażijiet tal-proċedura tal-offerti.

Is-Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) jiltaqa' annwalment ippresedut mill-OLAF. Fl-2017, il-kooperazzjoni investigattiva tal-OLAF, b'mod partikolari waqt il-verifiki fuq il-post u l-operazzjonijiet forensiċi diġitali, ġiet diskussa mar-rappreżentanti tal-AFCOS waqt il-laqgħa annwali. Suġġetti oħra għad-diskussjoni kienu jinkludu:

- ir-rwol tal-AFCOSs;
- l-iżviluppi reċenti fil-politika; kif ukoll
- L-użu tal-email tal-AFIS għal korrispondenza relatata ma' każijiet bejn l-OLAF u l-AFCOSs.

In-Netwerk ta' Komunikaturi ta' Kontra l-Frodi tal-OLAF (OAFCN - OLAF Anti-Fraud Communicators' Network) ilaqqa' flimkien lill-uffiċjali tal-komunikazzjoni u r-rappreżentanti tas-sħab operazzjonali ta' OLAF fl-Istati Membri. Għandu rwol ċentrali fil-komunikazzjoni tat-theddud ta' frodi lill-pubbliku fl-UE, u fl-isforzi konġunti maħmula mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE biex jiġġilduha.

Fl-2017 OLAF iffirma żewġ arranġamenti amministrattivi ta' kooperazzjoni biex jiffaċilita l-kooperazzjoni investigattiva mal-*Carabinieri* u mad-*Direzione Nazionale Antimafia e Antiterrorismo* tal-Italja.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni taw il-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet ta' kontra l-frodi f'laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi (GAF) tal-Kunsill. Fl-2017 saru erba' laqgħat tal-GAF: tnejn taħt il-presidenza Maltija u tnejn taħt il-presidenza Estonjana.

7. SISTEMA TA' IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U TA' ESKLUŻJONI

Is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES - Early Detection and Exclusion System) għandha l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE billi tiżgura:

- l-identifikazzjoni bikrija ta' operaturi ekonomiċi li jirrappreżentaw riskji għall-interessi finanzjarji tal-UE;
- l-esklużjoni ta' operaturi ekonomiċi mhux affidabbli milli jiksbu fondi tal-UE u/jew l-impożizzjoni ta' penali finanzjarja; kif ukoll
- il-pubblikazzjoni, fl-aktar każijiet gravi, fuq is-sit web tal-Kummissjoni ta' informazzjoni relatata mal-esklużjoni u/jew mal-penali finanzjarja, sabiex jissaħħa l-effett ta' deterrent.

Din is-sistema, li twaqqfet fl-2016, tirrappreżenta titjib sinifikanti fl-applikazzjoni ta' regoli dwar sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, l-indipendenza u t-trasparenza. Fin-nuqqas ta' sentenza finali nazzjonali jew, fejn applikabbli, deċiżjoni amministrattiva finali, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi jistgħu jiddeċiedu li jimponu sanzjonijiet fuq operaturi mhux affidabbli wara li jirċievu rakkomandazzjoni⁸² minn bord interistituzzjonali ċentralizzat biss⁸³.

Il-bord ma għandux setgħat investigattivi. Fil-prinċipju, jibbaża l-valutazzjonijiet tiegħu fuq fatti u sejbiet stabbiliti fil-kuntest tal-awditu jew tal-investigazzjonijiet mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri, l-OLAF jew awditu intern, jew kull spezzjoni, awditu jew kontroll ieħor mwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal kompetenti awtorizzat⁸⁴. Huwa magħmul minn President indipendenti permanenti ta' livell għoli,⁸⁵ żewġ membri li jirrappreżentaw il-Kummissjoni (bħala sid is-sistema) u membru wieħed *ad hoc* li jirrappreżenta lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tas-servizz li jitlob ir-rakkomandazzjoni. Dan jirrispetta d-dritt tad-difiża tal-operatur ekonomiku kkonċernat u japplika l-prinċipju tal-proporzjonalità⁸⁶.

Fl-2017, diversi servizzi ta' awtorizzazzjoni rreferew lill-bord, permezz tas-segretarjat permanenti, 11-il każ, relatati ma' 11-il operatur ekonomiku. Minn dawn, 10 kienu mill-Kummissjoni u każ kien impriża konġunta li qed timplimenta sħubija pubblika-privata tal-UE. Dan ir-rapport jkopri ukoll erba' każijiet oħra irreferuti lis-segretarjat permanenti fl-2016 u li

⁸² Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 106(1)(c) sa (f) tar-Regolament Finanzjarju (jiġifieri mgħiba ħażina professjonali gravi, frodi, ksur serju ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali, jew irregolaritajiet).

⁸³ Jiġifieri l-bord li hemm referenza għalih fl-Artikolu 108(5) sa (10) tar-Regolament Finanzjarju.

⁸⁴ L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jista' jkun ta' istituzzjoni, aġenzija, uffiċċju jew korp ieħor tal-UE.

⁸⁵ Il-president ikollu viċi indipendenti permanenti ta' livell għoli.

⁸⁶ Għal aktar informazzjoni dwar il-bord, in-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (v) tal-SWD.

jirrigwardaw erba' operaturi ekonomiċi, minn mindu ġew ippreżentati lill-bord fl-2017⁸⁷.

Il-Kummissjoni trid tirrapporta wkoll dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni rigward⁸⁸:

- li ma jiġux esklużi l-operaturi ekonomiċi sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz għal perjodu limitat u sakemm jiġu adottati l-miżuri rimedjali mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati; kif ukoll
- in-nuqqas ta' publikazzjoni ta' informazzjoni dwar sanzjonijiet amministrattivi fuq is-sit web tal-Kummissjoni, jew minħabba l-ħtieġa għall-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet jew minħabba l-ħarsien tal-prinċipju tal-proporzjonalità meta persuna fiżika tkun ikkonċernata.

L-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni ma ħadux deċiżjonijiet bħal dawn fl-2017.

8. SEGWITU GĦAR-RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW DWAR IR-RAPPORT ANNWALI TAL-2016

Fit-3 ta' Mejju 2018, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-*Rapport Annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE - il-ġlieda kontra l-frodi*⁸⁹ tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tilqa' r-riżoluzzjoni u tinnota r-rikonoxximent tal-Parlament għall-attività tagħha fil-ġlieda kontra l-frodi. Se tkun tista' tiegħu azzjoni dwar bosta kwistjonijiet imqajma fir-riżoluzzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-OLAF u l-UPPE. Se tikkummenta fid-dettall dwar ir-riżoluzzjoni fit-tweġiba formali tagħha li se tintbagħat lill-Parlament aktar tard din is-sena.

9. KONKLUŻJONJET U RAKKOMANDAZZJONJET

Miżuri legali u amministrattivi sabiex jiġu indirizzati l-frodi u l-irregolaritajiet u jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-UE għandhom jiġu adattati fuq bażi kontinwa. F'dan ir-rigward, l-2017 kienet sena storika bl-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi li se jiftħu t-triq għal aktar integrazzjoni u konverġenza. Id-differenzi li fadal bejn l-oqfsa legali u amministrattivi nazzjonali jeħtieġu miżuri apposta, bħal dawk

⁸⁷ Mit-30 ta' Ġunju 2018, il-bord ħareġ 31 rakkomandazzjoni. Għal aktar dettalji ara n-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (v) tal-SWD u l-annessi tiegħu.

⁸⁸ *Data* mogħtija fl-SWD, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna, il-punt (v).

⁸⁹ 2017/2216(INI)

<http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&reference=P8-TA-2018-0196&language=EN>

adottati flivell nazzjonali u deskritti f'dan ir-rapport. Madankollu, jistgħu jsiru xi konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet komuni li jittfegħu dawl fuq it-theddid prevalenti u li jieħdu vantaġġ mill-aħjar prattiki li rriżultaw effettivi f'xi pajjiżi jew f'oqsma tal-baġit.

9.1. Dħul

Minkejja tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' irregolaritajiet misjuba, bħal fl-2016, il-pannelli solari importati kienu l-prodotti l-iktar milquta minn frodi u irregolaritajiet f'termini finanzjarji. Ħafna mill-irregolaritajiet li jirrigwardaw il-pannelli solari kienu identifikati wara notifika ta' għajnuna reċiproka maħruġa mill-OLAF. Dan jenfasizza l-importanza tal-investigazzjonijiet tal-OLAF għall-identifikazzjoni tal-irregolaritajiet fit-tranżazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' prodotti (pereż. kodiċijiet NM jew dikjarazzjonijiet ta' orijini mhux korretti, l-evazzjoni tad-dazji antidumping, is-sottovalutar tal-merkanzija ddikjarata).

Il-pajjiżi ta' orijini l-aktar milquta minn frodi u irregolaritajiet kienu ċ-Ċina (f'termini ta' għadd ta' każijiet) u l-Istati Uniti (f'termini finanzjarji).

L-investigazzjonijiet tal-OLAF enfasizzaw frodi ta' dħul fuq skala kbira bis-sottovalutazzjoni tal-oġġetti importati fl-UE. Tali frodi tirriżulta f'telf kbir, mhux biss fid-dazji doganali, iżda wkoll fil-VAT evitata⁹⁰. L-investigazzjonijiet tal-OLAF enfasizzaw li l-frodisti se jisfruttaw n-nuqqasijiet kollha u li l-frodi tal-kwantità tista' tħalli frott.

L-esperjenza tal-OLAF turi li s-sottovalutazzjoni se tibqa' theddida li għandha tiġi ttrattata fis-snin li ġejjin.

Biex jingħalqu dawn il-lakuni, l-istrateġiji ta' kontroll tad-dwana li jinvolvu diversi forom ta' kontrolli huma essenzjali. L-istrateġija ta' kontroll tad-dwana jenħtieġ li ssib il-bilanċ ġust bejn il-faċilitazzjoni/simplifikazzjoni tal-kummerċ u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Rakkomandazzjoni 1

L-Istati Membri huma mistiedna jibqgħu attenti għar-riskju ta' oġġetti sottovalutati, speċjalment prodotti irħas importati fi kwantitajiet kbar ħafna, bħat-tessuti u ż-żraben.

Biex jissaħħu l-kontrolli doganali, l-Istati Membri huma mitluba jiżguraw li:

- l-istrateġiji jkunu fis-seħħ u jkollhom fil-mira t-tipi kollha ta' proċeduri doganali u l-operaturi kollha;

- teżisti koordinazzjoni adegwata bejn is-servizzi doganali kollha li jittrattaw l-analiżi tar-riskju u l-kontrolli; il-profilu tar-riskju fihom struzzjonijiet ċari u li l-informazzjoni dwar ir-riskju tinqasam ma' Stati Membri oħra;
- fis-seħħ hemm monitoraġġ mill-qrib tar-riżultati ta' kontroll (feedback) u segwitu strett tal-istruzzjonijiet ta' assistenza reċiproka.

Huma mitluba ukoll:

- biex sistematikament jinkludu element aleatorju awtomatizzat u jqisu l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin għall-komunikazzjoni tad-dejn doganali bħala indikatur tar-riskju fl-analiżi tar-riskju ta' wara r-rilaxx;
- awditi ta' wara r-rilaxx orjentati fuq ir-riskju u monitoraġġ strett tar-riżultati tagħhom; kif ukoll
- jwettqu kontrolli doganali fuq operazzjonijiet magħmula minn operaturi ekonomiċi awtorizzati filwaqt li titqies il-ġestjoni tar-riskju mwettqa fir-rigward ta' elementi differenti ta' dawn l-operazzjonijiet.

Il-Kummissjoni tistieden ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jużaw sew il-manwal dwar il-kontroll doganali operazzjonali abbażi tal-aħjar prattiki tal-Istati Membri u tal-gwida għall-awditjar doganali.

9.2. Nefqa

L-analiżi f'dan ir-rapport tikkonferma t-tendenzi u x-xejriet prinċipali enfasizzati fis-snin preċedenti.

Ir-rati ta' detezzjoni għadhom għoljin għall-programmi tar-reġjuni l-anqas żviluppatti tal-Ewropa u għas-sajd, u baxxi fir-rigward tal-programmi transfruntiera.

Fl-agrikoltura, il-miżuri għall-appoġġ tas-suq huma affettwati minn għadd limitat ta' irregolaritajiet li jiswew ferm, li xorta jeħtieġu livell adegwat ta' attenzjoni.

L-enfasi sejra lejn il-frodi li tkun immirata artifiċjalment biex jinħolqu kundizzjonijiet biex ikun hemm aċċess għall-fondi. Diversi Stati Membri rrappurtaw miżuri speċifiċi f'dan ir-rigward.

Għalkemm anqas irregolaritajiet u frodi ġew irrappurtati fl-2017, l-ammonti finanzjarji medji żdiedu, li juri li l-kontrolli huma mmirati aħjar.

Analiżi tar-riskju, tips minn informanti jew informaturi, jew informazzjoni mill-midja jista' jkollhom rwol li jtejjeb l-immirar, speċjalment peress li jidher li l-użu tagħhom ma huwiex

⁹⁰ Ara t-taqsimha 2.5.3 u r-Rapport ta' OLAF 2017, paġni 26-27.

daqshekk mifrux. Informazzjoni minn inkjesti ġudizzjarji wasslet biex jinkixfu xi irregolaritajiet mhux frodulenti li jinvolvu amonti finanzjarji medji għoljin. L-istess iġhodd għall-kontrolli li bdew minħabba informazzjoni / talbiet minn korp tal-UE jew irregolaritajiet identifikati minnu.

Rakkomandazzjoni 2

L-Istati Membri huma mistiedna:

- jisfruttaw aktar il-potenzjal tal-analiżi tar-riskju, filwaqt li jadattaw l-approċċ għal tipi differenti ta' nefqa u jieħdu vantaġġ mill-aħjar prattiki u mill-elementi ta' riskju enfasizzati f'dan ir-rapport;
- jiffaċilitaw u jivvalutaw ir-rappurtar spontanju ta' irregolaritajiet potenzjali u jsaħħu l-protezzjoni ta' informaturi li huma sors importanti għall-ġurnaliżmu investigattiv;⁹¹ kif ukoll
- Jippromwovu kooperazzjoni sistematika u puntwali bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi.

Dawn il-miżuri kollha jkollhom impatt ikbar jekk ikunu mwaħħdin ma' strateġija nazzjonali kontra l-frodi.

9.3. Kooperazzjoni f'kull livell

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq huma mmirati li jsaħħu tendenza, f'termini ta' politika u inizjattivi leġiżlattivi, li diġà hija viżibbli f'diversi Stati Membri u li hija appoġġata mill-analiżi ppreżentata f'dan ir-rapport.

L-użu korrett u mmirat tad-*data* u l-informazzjoni huwa effettiv sabiex tintensifika l-ġlieda kontra l-frodi u sabiex jinżamm il-pass mal-aspettattivi tas-soċjetà ċivili. Iċ-ċittadini Ewropej mhux biss jħarsu lejn pajjiżhom, iżda kull ma jmur jiġġudikaw is-suċċess tal-proġett tal-Ewropa abbażi ta' x'jiġri fi Stati Membri oħra.

Madankollu, id-*data* u l-informazzjoni meħtieġa ħafna drabi jkunu mifruxin għand diversi awtoritajiet. Il-kooperazzjoni flivell nazzjonali u ta' UE hija essenzjali.

Il-kooperazzjoni bejn investigazzjonijiet ġudizzjarji u amministrattivi diġà uriet kemm hija ċentrali biex tiġi miġġielda l-frodi b'mod effiċenti u effikaċi.

Fil-livell ta' istituzzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tiżgura li OLAF b'saħħtu u kompletament funzjonanti jkun jikkumplementa l-approċċ tal-liġi kriminali tal-UPPE fl-investigazzjonijiet amministrattivi.

⁹¹ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni t-*Tisħiħ tal-protezzjoni tal-informaturi fil-livell tal-UE*, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (COM(2018) 214 final) u l-proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni (COM(2018) 218 final).

ANNEX 1 — IRREGOLARITAJIET IRRAPPURTATI BĦALA FRODULENTI FL-2017

L-għadd ta' irregolaritajiet irrappurtati bħala frodulent i juri r-riżultati tax-xogħol tal-Istati Membri biex jikkumbattu l-frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Iċ-ċifri ma għandhomx ikunu interpretati li jindikaw il-livell ta' frodi fit-territorji tal-Istati Membri. Dan l-anness ma jkoprix il-pajjiżi mhux tal-UE (ta' qabel l-adeżjoni) jew in-nefqa diretta.

STATI MEMBRI	Agricoltura		Politiki interni		Politika ta' koeżjoni u sajd		Perjodu ta' qabel l-adeżjoni		NEFQA TOTALI		DĦUL	
	N	EUR	N	EUR	N	EUR	N	EUR	N	EUR	N	EUR
Belgique/België											26	15,502,626
Bulgaria	16	3,852,238			1	64,425			17	3,916,663	19	1,192,724
Ceská republika	8	494,087			33	6,609,802			41	7,103,889		
Danmark	3	8,119			1	32,352			4	40,471	1	87,967
Deutschland	6	981,201			18	1,657,451			24	2,638,652	46	6,586,501
Eesti	8	2,199,728			5	5,325,933			13	7,525,661	4	310,930
Éire/Ireland	2	15,242							2	15,242	1	33,992
Ellada	2	26,628			10	1,343,670			12	1,370,298	31	14,131,439
España	5	298,302			20	410,096			25	708,398	34	3,911,652
France	9	1,326,255							9	1,326,255	98	13,221,533
Hrvatska	2	358,047			1	1,052,812			3	1,410,859	8	852,915
Italia	36	1,370,571			3	703,086			39	2,073,657	20	1,036,186
Kypros					3	520,212			3	520,212	4	118,402
Latvija	1	4,353			6	7,506,305			7	7,510,658	6	257,710
Lietuva	6	1,246,395			1	41,360			7	1,287,755	38	1,538,484
Luxembourg	1	15,857							1	15,857		
Magyarország	14	1,075,823			6	1,479,560			20	2,555,383	4	335,228
Malta					1	38,685			1	38,685	2	366,319
Nederland	6	183,866			3	421,614			9	605,480	8	2,800,617
Österreich	1	122,538							1	122,538	7	5,654,247
Polska	79	37,954,297			64	19,612,173			143	57,566,470	52	2,526,634
Portugal	4	176,918			12	31,604,726			16	31,781,644	2	269,552
Romania	64	7,973,885			75	67,164,713	2	649,636	141	75,788,234	9	413,780
Slovenija	1	46,897			2	2,553,647			3	2,600,544	4	159,180
Slovensko	2	149,444			77	172,181,299			79	172,330,743		
Suomi/Finland					1	26,786			1	26,786	4	83,383
Sverige											4	4,527,821
United Kingdom					2	40,118			2	40,118	9	466,886
TOTAL	276	59,880,690			345	320,390,825			623	380,921,151	441	76,386,708

ANNEX 2 — IRREGOLARITAJIET MHUX IRRAPPURTATI BĦALA FRODULENTI FL-2017

Dan l-annex ma jkoprix il-pajjiżi mhux tal-UE (ta' qabel l-adeżjoni) jew in-nefqa diretta.

STAT MEMBRU	Agricoltura		Politiki interni		Politika ta' koeżjoni u sajd		Perjodu ta' qabel l-adeżjoni		Nefqa totali		Dħul	
	N	EUR	N	EUR	N	EUR	N	EUR	N	EUR	N	EUR
Belgique/België	17	312,940	2	978,381	51	6,092,879			70	7,384,200	189	14,579,103
Bulgaria	124	11,211,037			77	29,676,418	15	20,932	216	40,908,388	1	253,408
Ceská republika	25	1,083,012			282	60,949,351			307	62,032,363	89	8,608,026
Danmark	9	305,497			3	694,020			12	999,517	55	2,038,865
Deutschland	61	2,437,925			83	10,519,246			144	12,957,171	1,617	85,727,353
Eesti	37	1,812,973			24	2,821,971			61	4,634,944	1	11,149
Éire/Ireland	18	802,856			44	3,299,833			62	4,102,689	31	2,947,035
Ellada	118	2,537,342			504	272,493,429			622	275,030,771	10	274,902
España	335	17,433,317			1,115	366,925,909			1,450	384,359,226	230	78,825,931
France	162	5,021,836			26	4,008,636			188	9,030,472	200	16,578,121
Hrvatska	28	511,700			10	586,362	10	1,368,047	48	2,466,109	7	262,098
Italia	575	44,759,711			555	86,114,764			1,130	130,874,475	119	12,024,057
Kypros					30	3,214,441			30	3,214,441	1	10,564
Latvija	18	779,102			31	3,719,969			49	4,499,071	4	196,843
Lietuva	137	5,385,775			72	23,629,198			209	29,014,973	19	1,026,160
Luxembourg												
Magyarország	202	11,115,144			149	27,217,704			351	38,332,848	20	5,909,986
Malta	13	932,900			23	2,317,833			36	3,250,733		
Nederland	45	1,481,953			63	4,809,513			108	6,291,466	442	78,000,552
Österreich	22	489,080			8	2,418,922			30	2,908,002	49	1,739,162
Polska	133	6,553,892			499	195,767,291			632	202,321,183	46	1,453,150
Portugal	401	26,556,512			392	63,808,455			793	90,364,967	32	4,907,356
Romania	445	60,524,561	1	11,951	368	102,999,634			814	163,536,146	23	2,778,540
Slovenija	14	314,974			41	1,438,319			55	1,753,293	8	320,139
Slovensko	48	4,193,841			248	108,249,854			296	112,443,695	11	756,807
Suomi/Finland	7	137,810			7	621,523			14	759,333	27	1,947,211
Sverige	6	2,127,418			11	869,607			17	2,997,025	165	6,704,023
United Kingdom	54	1,578,873			413	10,595,510			467	12,174,383	799	97,376,431
TOTAL	3,054	210,401,981	3	990,332	5,129	1,395,860,591	25	1,388,979	8,211	1,608,641,882	4,195	425,256,972

ANNEX 3 — LISTA TA' DOKUMENTI TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL AKKUMPAJANTI

1. Implimentazzjoni tal-Artikolu 325 mill-Istati Membri fl-2017 (SWD(2018) 384)
2. Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrappurtati għall-oqsma tar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni u l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u n-nefqa diretta (SWD(2018) 386 – parti 1 u 2)
3. Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tar- rapport tal-Kummissjoni dwar protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE — il-ġlieda kontra l-frodi, 2016 (SWD(2018) 383)
4. Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u Esklużjoni (EDES) — Bord imsemmi fl-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju (SWD(2018) 382)
5. Ħarsa ġenerali annwali b'informazzjoni dwar ir-Riżultati tal-Programm Hercule III fl-2017 (SWD(2018) 381)
6. Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 43b tar-Regolament (KE) Nru 515/97 (SWD(2018) 385)